**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 31 ta' Ottubru 2024**

**Kawża Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1197/2015 JVC**

**WH Property Limited (C44401)**

**vs**

**Solar Engineering Limited (C47487)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat illi permezz tiegħu r-rikorrenti WH Property Limited u Angelo Dalli (I.D. 197278M) fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur tal-istess soċjeta' talab kif isegwi:

1. 'Illi permezz ta' kuntratt datat it-tlieta (3) t'Awissu 2011 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A), is-socjeta' intimata obbligat ruha li tikkunsenja u tinstalla pannelli fotovoltajici (*photovoltaic panels*) u materjali iehor relatat u ancillari ghall-istess a favur is-socjeta' rikorrenti fil-fond proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti li jinsab 75, Triq Abate Rigord, ta' Xbiex, u dan ai termini ta' dawk il-pattijiet wu kundizzjonijiet li jinsabu fl-imsemmi kuntratt Dok. A, *inter alia,* ghall-prezz ta' sebghin elf, mitejn u ghaxar Ewro (€70,210), inkluz il-VAT; li l-prodott hu kopert b'garanzija ta' t'ghaxar (10) snin, li l-workmanship ossia mano d'opera hu kopert b'garanzija ta' hames (5) snin; u l-materjal kollu ghandu jkun kkonsenjat u installat fil-kwalita' pattwita u minghajr difetti;

2. Illi l-pannelli fotovoltajici in kwistjoni gew ikkunsenjati u installati da parte tas-socjeta' intimata fil-proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti f'Ottubru 2011;

3. Illi matul il-lejl bejn id-disgha (9) u l-ghaxra (10) ta' Marzu 2012 sehhet maltempata b'rizultat ta' liema ghaxra (10) mill hamsa u sebghin (75) pannelli fotovoltajici in kwistjoni nqalghu u tqacctu minn mal-istruttura tal-aluminium u hadid li fuqha kienu gew installati mis-socjeta' intimata.

4. Illi minn rapport redatt minn ECL Consulting Engineers fuq inkarigu tas-socjeta' rikorrenti datat 20 t'April 2012 (kopja hawn annessa bhala Dok. B) jirrizulta li l-pannelli in kwistjoni nqalghu minn mal-istruttura msemmija b'rizultat ta' "negligent workmanship";

5. Illi minn rapport iehor redatt minn *Farrugia Engineered Buliding Solutions* fuq inkarigu tas-socjeta' rikorrenti datat 17 ta' Settembru 2012 (kopja hawn annessa bhala Dok. C) jirruzlta wkoll li l-istruttura tal-aluminium u hadid in kwistjoni li fuqha kienu installati- l-pannelli fotovoltajici mhix skond il-kriterja tal-*European Code of Practice for aluminium works;*

6. Illi ghalhekk jirrizulta li l-prodott mibjugh u kkunsenjat mis-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti mhux tal-kwalita' pattwita, mhux idoneju ghall-uzu intiz u ma giex installat skond is-sengha u l-arti;

7. Illi nonostante li s-socjeta' intimata giet interpellata da parte tas-socjeta' rikorrenti sabiex tirrimpjazza dawk il-pannelli fotovoltajici li nqalghu, tissostitwixxi l-istruttura tal-aluminium u hadid ma' wiehed pattwit u idoneju u taghmel dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali, din baqghet inadempjenti, bir-rizultat li s-sistema shiha tal-pannelli fotovoltajici kif mibjugha lis-socjeta' rikorrenti ma tistax tintuza;

8. Illi in oltre, b'rizultat tal-inadempjenza tas-socjeta' intimata, s-socjeta' rikorrenti sofriet u qed issofri danni fil-forma ta'

*mancato guadagno* ossia n-nuqqas ta' introjtu li seta' gie ggenerat mill-pannelli fotovoltajici f'dawn is-snin;

9. Illi Angelo Dalli d-direttur tas-socjeta' rikorrenti, jaf b'dawn il-fatti personalment;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' intimata naqset milli tonora l-obbligi minnha assunti fil-kuntratt tat-tlieta (3) t'Awissu 2011 in kwantu jirrizulta li l-prodott u l-materjal mibjugh u kkunsenjat mis-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti mhux idoneju ghall-uzu intiz u ma giex installat skont is-sengha u l-arti u kwindi mhumiex tal-kwalita' pattwita u mhuwiex hieles minn difetti;

2. Tannulla u thassar l-imsemmi kuntratt tat-tlieta (3) t'Awissu 2011 a bazi tan-nuqqas tat-twettieq tal-obbligazzjonijiet assunti mis-socjeta' intimata fl-istess kuntratt;

3. Tordna lis-socjeta' intimata tiehu lura l-pannelli fotovoltajici in kwistjoni flimkien mal-materjal l-iehor relatat u ancillari ghall-istess, inkluz l-istruttura tal-aluminium u hadid, u tirrifondi li-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' sebghin elf, mitejn u ghaxar Ewro (€70,210) u kwalsiasi spejjez ohra inkorsi mis-socjeta' rikorrenti;

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti sofrew danni kawza tan-nuqqas ta' ezekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet assunti mis-socjeta' intimata fl-istess kuntratt;

5. Tillikwida d-danni hekk sofferti da parte tas-socjeta' rikorrenti, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;

6. Tikkundanna u tordna lis-socjeta' intimata thallas id-danni hekk likwidati lis-socjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1069(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment, a karigu tas-socjeta' intimata li hi minn issa ngunta in subizzjoni.'

Rat ir-risposta ta' Solar Engineering Limited, Anthony Paul Saliba(K.I 271692M) direttur maniġerjali-

1. 'Illi in linea preliminari in kwantu ghall-ilment li l-prodott u l-materjal mibjugh u kkunsenjat mill-esponenti lis-socjeta' rikorrenti mhuwiex tal-kwalita' pattwita, l-istess socjeta' rikorrenti iddekadiet mid-dritt ta' azzjoni kontra l-kumpanija intimata ai termini tal-artikolu 1407(1) tal-Kap.16. Mid-dokumenti esibiti mill-istess attrici l-bejgh sar fit-3 ta' Awwissu 2011, u l-installazzjoni kienet lesta f''Ottubru 2011. Il-kawza giet ipprezentata fis-16 ta' Dicembru 2015;

2. Illi in linea preliminari in kwantu ghall-ilment li l-prodott u l-materjal mibjugh u kkunsenjat mill-esponenti lis-socjeta' rikorrenti mhuwiex hieles minn difetti, l-azzjoni attrici tinsab ukoll preskritta ai termini tal-artikolu 1431(1) tal-Kap.16;

3. Illi in linea preliminari in kwantu ghat-talba biex is-socjeta' attrici terga' lura mill-kuntratt, l-istess socjeta' attrici iddekadiet ukoll mid-dritt ta' azzjoni taghha kontra l-kumpanija intimata ai termini tal-artikolu 1407(1) tal-Kap.16;

4. Illi in linea preliminari in kwantu ghat-talbiet ghal-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tad-danni, l-azzjoni attrici tinsab ukoll preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap.16 ;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u in linea preliminari wkoll qeghdha tigi eccepita n-nullita' tal-azzjoni attrici. Dan stante li r-rimedji li setghet tipprevalixxi ruhha minnhom is-socjeta' attrici f'dan il- kuntest, kienu jew li trodd lura l-prodott u l-materjal mibjugh u titlob il-prezz intier taghha (*actio redhibitoria)*, jew alternattivament li zzomm il-prodott u l-materjal u titlob lill-Qorti li jigi mhallas lura parti mill-prezz tal-istess prodott u materjal (actio aestimatoria). Il-prodott u l-materjal gew installati f'Ottubru 2011, u s-socjeta' attrici ghadha taghmel uzu minnhom sallum. Fil-kuntest ta' dana kollu, hija nsostenibbli t-talba attrici ghar-rifuzjoni tal-prezz ta' sebghin elf mitejn u ghaxar ewro (€70,210) ;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, sta ghas-socjeta' attrici tidentifika l-azzjoni minnha promossa, jekk *si tratta ta' actio redhibitoria, actio aestimatoria*, azzjoni ta' danni, jew wahda bazata fuq ksur ta' obbligi kuntrattwali. Fil-kuntest ta' dan kollu hemm ukoll in-nullita' tar-rikors guramentat ai termini tal-artikolu 789(1)(c) tal-Kap.12 stante li t-talbiet attrici huma msejsa fuq kawzali differenti u distinti minn

xulxin bi pregudizzju tad-dritt tal-esponenti li tiddefendi ruhha kif jixraq minn dak li qed tigi mixliha bih mis-socjeta' rikorrenti. Dan in vjolazzjoni tal-principju kardinal *electam una via non datum recursus ad alteram;*

7. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti;

8. Illi s-socjeta' rikorrenti ma soffriet l-ebda danni li jistghu jigu attribwiti ghal xi difett fil-prodott u l-materjal mibjugh u ikkonsenjat da parti tas-socjeta' konvenuta;

9. Illi s-socjeta' attrici ma tistax titlob illi tigi applikata l-garanzija jew il- kundizzjonijiet maghmula tahtha billi l-hsara lmentata kienet kagun ta' *force majeure* li kienet espressament eskluza mill-effetti tal-garanzija. Inoltre kienet is-socjeta' attrici nnifisha li kissret il-kundizzjonijiet tal-garanzija u giet skoperta mill-effetti taghha meta wara li kienu saru u tlestew ix-xogholijiet , u meta l-garanzija kienet ghadha effettiva, is-socjeta' attrici qalghet il-panelli u l-*framing* tal-aluminju minn posthom u minn jeddha biddlet il-l*ayout* u l-pozizzjoni tal-panelli minn kif kienu gew originarjament miftiehema bejn il-partijiet u saru bil-konsegwenza li kienet l-istess socjeta' attrici li bl-azzjoni taghha rrendiet l-istess panelli inqas effettivi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.'

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumentazzjoni, kontro-eżamijiet, ritratti, pjanti, korrispondenza u l-provi kollha fl-atti.

Rat illi fil-verbal datat 19 ta' Ottubru, 2023 ir-rikors ġie differit għall-11 ta' Lulju, 2024 għad-deċiżjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha.

Rat illi, bid-digriet tal-11 ta' Lulju, 2024 minħabba pressjoni ta' xogħol il-kawża ġiet differita għal-lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawża odjerna s-socjeta' rikorrenti ssostni li kienet daħlet fi ftehim mal-intimata sabiex fuq il-bejt proprjeta' tar-rikorrenti titwaħħal sistema ta' pannelli fotovoltaiċi fuq *frame* tal-*aluminium* provdut ukoll mill-intimata. Din is-sistema fil-fatt twaħħlet filwaqt li s-soċjeta' rikorrenti applikat wkoll għal sussidju ta' nofs il-prezz fuq l-istess, iżda wara xi xhur fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Marzu, 2012, konsegwenza ta' riħ, għaxar pannelli mis-sistema nqalgħu u seħħet ħsara diversa fis-sistema kollha u l-bejt tar-rikorrenti b'dana li din ma setgħetx tintuża. Is-soċjeta' rikorrenti permezz tal-kawża odjerna qed titlob li din il-Qorti tqis lill-intimata responabbli għall-ħsara stante li skont is-soċjeta' rikorrenti l-materjal u x-xogħol ma kienx skont is-sengħa u l-arti, tannulla l-kuntratt bejn il-partijiet, tordna li l-intimata tieħu lura s-sistema filwaqt li tirrifondi l-flus imħallsa lilha, tiddikjara lill-intimata responabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti u tordna li dawn jitħallsu mill-intimata lill-istess rikorrenti.

Is-soċjeta' intimata teċċepixxi bosta artikoli ta' preskrizzjoni tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti, in-nullita' tar-rikors ġuramentat, fil-

mertu teċċepixxi l-forza maġġuri u li t-talbiet tar-rikorrenti m'humiex fondati.

Illi għal dawk li huma provi fl-atti l-Qorti rat l-iskrittura privata bejn il-partijiet datata 3 t'Awwissu 2011[1], inkluż l-*Annexes* tagħha, partikolarment rat:

a. klawżola 1.1.4. li tiddifenixxi l-prodotti koperti bil-ftehim bħala "*all items, including the photovoltaic panels and all other ancillary objects requested by the Client including the relative computer software programming or verification, sealing and other material required for the said items to be properly and fully assembled and installed on Site or previously assembled in the premises of the Supplier, as described in more detail, including full specifications and quantities in Annex 1 provided by the Supplier, all being of EU-approved quality standards and with the warranties provided in the relative Annexes*".[2]
b. klawżola 1.1.5 li tispeċifika illi x-xogħlijiet kellhom isiru fil-binja, dak iż-żmien taħt kostruzzjoni fil-kantuniera ta' Triq il-Ġnien u Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, Malta;
c. klawżola 1.1.6 li tispeċifika illi x-xogħlijiet patwiti jinkludu "*fully and properly assembling, installing, sealing, mounting, fitting, adjusting and fine tuning of all Products at the Site*".[3]
d. klawżola 3.5 tal-kuntratt patwit bejn il-partijiet tispeċifika illi: *"Supplier shall be responsible to the Client for all the acts and omissions of its workers/personnel and/or sub-suppliers, in particular when carrying out Works at the Site. Without prejudice to the above, the Supplier shall only employ or contract personnel who are appropriately qualified, skilled and experienced for the Works."*

---

[1] a fol. 5 tal-proċess
[2] a fol. 5 tal-proċess
[3] a fol. 6 tal-proċess

e. klawżola 3.8 li titlob illi "*All Products shall be supplied and installed and all the Works shall be carried out free from faults and/or defects and/or deviations from the Contract Documents. In case of any fault, damage, defect or any deviation from the quality, type, condition or any other specification mentioned in Annex 1, the Supplier shall replace the respective faulty or deviating Products and/or shall remedy the respective Works at its own expense. In case the Supplier fails to replace the Products and/or remedy the Works within reasonable time (being not more than two weeks), the Client shall have the right to do it itself or contact a third party and the Supplier shall incur all respective costs of such Client's action. This is without prejudice to any preliquidated damages for delay stipulated in clause 3.6*".

Rat ir-rapport tal-ECL Consulting Engineers redatt mill-Inġinier Johan Aloisio datat 20 ta' April, 2012 esebit mar-rikors ġuramentat a fol. 63 et seq tal-process liema ħsara allegatament seħħet fuq l-istruttura nhar l-10 ta' Marzu, 2012, wara li s-sistema in kwistjoni kienet ġiet installata f'Ottubru 2011. Rat ir-ritratti tal-ħsara mal-istess rapport. F'dan ir-rapport huwa jikkonkludi u jirrakomanda kif isegwi:

'Conclusion and Findings

1 Due to the high wind speeds, ten (10) of the seventy-five (75) certified photovoltaic panels, installed on the premises roof, were damaged or lost. In the process, part of the roof was also damaged.

2 The highest wind gust recorded was of 51 knots (26.5 m/s) and this figure was used for the calculation of load. This figure was based on the Luqa Met office data supplied.

3 This wind gust value creates a 45kg of horizontal force on each of the individual PV modules at the installed 30 degree inclination.

4 The Schletter structure installed is rated to standard EN 1991-1-4, which caters for wind load for when the wind is at a speed of 42.3m/s (force 12), which is more than the 26.5m/s (force 9-10) we had on the 10th of March 2012.

5 The damage to the PV System installed started from the extreme RHS corner where the extension of the system in place of the tower crane was installed at a later stage, before system commissioning.

6 The PV Modules at the RHS of the roof started to detach one after the other and led to create a domino effect on the adjacent modules.

7 The conclusion of this incident report is that the PV Modules got detached as a result of negligent workmanship.

Recommendations

1 All damaged roof membrane and third party damage is to be repaired.

2 The ten (10) detached PV Modules are to be replaced with new modules.

3 The remaining sixty-five (65) are to be tested for efficiency characteristics using an I-V curve tracer.

4 The frame / structure has to be fully inspected for any damages, and damaged parts are to be replaced.

5 The warranty on the frame and PV modules is to be extended for a further year.

Rat ix-xhieda tal-**Inġinier Pierre Farrugia** (a fol. 111 u 1362, 1423, 1512 tal-proċess) u d-dokumenti minnu preżentati, fejn filwaqt illi kkonferma r-rapport minnu redatt (a fol. 85 *et sequitur* tal-proċess) spjega illi huwa għandu esperjenza ta' ħamsa u għoxrin sena bħala *structural engineer.* Jgħid li huwa tqabbad mir-rikorrenti sabiex jevalwa l-istruttura li kienet installata fuq il-bejt tal-proprjeta` tagħhom *Quantum House*. Jispjega li apparti spezzjoni kejjel ukoll l-istruttura li kien hemm installata, inkluż il-qisien tal-elementi li kienu qegħdin imwaħħlin ma' xulxin li kienu jikkonsistu fost oħrajn f'profili tal-aluminju. Iżid li mill-informazzjoni li ġabar minn fuq is-sit għamel analiżi strutturali ġewwa l-uffiċċju biex jikkonferma jekk l-istruttura kif kienet iddiżinjata kinitx waħda adegwata jew le. Iżid ukoll illi l-analiżi tal-istruttura kienet tieħu in konsiderazzjoni l-effett tal-irjiħat, il-piż tagħha, kif din tkun marbuta mal-art u kif l-affarijiet ikunu marbutin ma' xulxin. Jsostni li din l-analiżi tħejjiet skont il-kodiċi ta' prattika *Euro Codes* u jirriżulta illi kien hemm numru sostanzjali ta' elementi illi ma jgħaddux mal-kriterji ta' diżinn kif huma stipulati fil-kodiċi Ewropej. Jispjega li l-*frame* tal-istruttura kien jinsab biswit il-baħar faċċata tal-Ġnien tal-Gzira, fi Triq Abate Rigord. Jispjega ulterjorment illi l-valur tal-forzi tar-riħ illi jittieħdu in konsiderazzjoni huma ikkalkulati permezz ta' valur bażiku li jittieħed għall-"*wind speed*" ir-riħ li huwa ta' 29 *meters per second* (ekwivalenti għall-riħ forza 11-12) li mbagħad jiġi kkonvertit skont il-lokazzjoni tas-sit u l-ambjent tal-madwar biex ikun hemm l'hekk imsejjaħ "*just factor*". Jixhed illi ma nstabx illi kien hemm riħ b'valur partikolari li wieħed ma kellux jikkonsidra. Jgħid illi dan il-bini kellu għoli ta' 17.75 metru għoli mill-bankina sal-livell tal-*penthouse*, b' 3.4 metri oħra 'l fuq mill-*penthouse*, sabiex

bejn wieħed u ieħor ikollu għoli kumplessiv ta' tnejn u għoxrin (22) metru li jħares lejn il-Grigal. Jsostni illi l-frame kellu jkun jiflaħ għal *basic wind speed.* Iżid illi l-iskop tal-eżerċizzju tiegħu kien li jagħmel l-analizi abbażi tal-agħar kundizzjonijiet li jrid jaħseb għalihom id-diżinn. Mistoqsi dwar il-kundizzjoni tal-pannelli huwa jgħid illi l-elementi kienu mgħawġin u kien hemm postijiet fejn dawn kienu tqaċtu. Jispjega li kien tar xi pannel ukoll minn fuq il-post. Iżid illi l-istruttura falliet li taħseb għall-irjiħat li huma ħafna inqas għal dak li wieħed għandu jiddiżinja.

Mistoqsi dwar il-profil tal-*frame* jispjega li normalment meta jsir profil hemm ċertu valur matematiċi li wieħed irid joħroġ fihom sabiex jiġi determinat dak li jissejjaħ "*stiffness*" jigifieri kemm huwa reżistenti *sia* għall-forzi kompressivi jew *tension,* peress illi oġġett jista' jiġi ppressat, miġbud, mgħawweġ jew tipprova tixxerjah. Dan jiġi determinat mill-kompożizzjoni, l-partikolaritajiet, qisien tal-profil u mill-materjal li tkun qed tuża. Jikkonkludi illi l-profili li ntużaw ma kinux b'saħħithom biżżejjed biex jirreżistu irjiħat kważi estremi. Wisq anqas ma kien jirreżisti irjiħat inqas b'saħħithom. Jgħid illi meta jittieħed in kunsiderazzjoni "*a safety factor*" jiġi kkunsidrat illi meta tagħmel per eżempju għaxar *equations* differenti kull wieħed minnhom il-valur rrid jiġi inqas minn *one*, sabiex l-istruttura titqies sigura. Jispjega li f'dan il-każ hemm elementi u numru minnhom li qabeż il-*one*, u qabeż il-*one* mhux bi ftit:

"*Jigifieri qed nitkellmu two, three point seven nine, three point five eight. Jigifieri l-istruttura mhux biss ma kinitx b'saħħitha biżżejjed imma kienet mhux b'saħħitha biżżejjed by a factor of 3.5 jiġifieri.*"

Jispjega ulterjorment illi

*"Meta wieħed ikun qed jiddisinja skont il-materjal li jkun qed juza, irid jirreferi għal Euro Codes of Practise, li huma l-istandards li wieħed għandu jiddisinja bihom. Naturalment meta int għandek struttura u qed tgħabbiha b'ċertu forzi għandek żewġ affarijiet, għandek il-ġeometrija tal-istruttura, jiġifieri kif l-affarijiet qed jingħaqdu flimkien, ix-shape tagħhom li jiffurmaw triangles pereżempju għax dan huwa prinċipju fundamentali ta' meta tagħmel dawn it-tip ta' strutturi li jissejħulhom space structures. Fil-fatt jeżistu strutturi tal-aliminium li huma space structures ukoll li jgħattu stadiums ta' 30 metru, 40 metru. Jiġifieri tista' tagħmel anke struttura kbira bl-aluminium. Jiġifieri l-materjal mhux fattur ta' x'wieħed jista' jagħmel u x'ma jistax jagħmel".*

Jinnota illi:

*"Dak huwa l-proċess li wieħed għandu jagħmel meta jkun qed jiddisinja kwalunkwe tip ta' struttura. Irrispettivament jekk ridtx biex terfa' PV panels, jew biex issaqqaf x'imkien, jew biex tgħatti or whatever."*

Jgħid li r-raġuni għalfejn issuġerixxa li ssir struttura tal-ħadid hija minħabba iktar flessibilita' fis-suq lokali hekk kif il-*profiles* u s-*sections* tal-ħadid huma *readily available* lokalment. Jinnota li l-*layout* tal-istruttura ma kienx l-istess bħal dak li kienet twaħħlet mill-intimata. Iżid għid li l-profiles tal-*aluminium* huma wkoll partikolari għaliex idealment ikollok *supplier* diġa' magħżul peress li kull *supplier* ikollu profil, libreriji u *technical documentation* differenti.

Rat ix-xhieda ta' **Johann Aloisio** (a fol. 113 ergo, fol 471, 793 u 1489 tal-proċess) fejn filwaqt illi kkonferma r-rapport minnu redatt datat 20 ta' April tas-sena 2012 (a fol. 63 *et seq.* tal-proċess), jispjega illi huwa kien l-inġinier li ħa ħsieb ix-xogħlijiet fil-blokka kollha ta' WH Quantum House, kemm dawk elettriċi kif ukoll mekkaniċi.

Jixhed ukoll li għar-rigward tas-sistema' tal-pannelli fotovoltajiċi huwa kien iċċertifika l-affarijiet li għandhom x' jaqsmu mal-elettriku ħareġ ċertifikat pożittiv tal-*electrical installation* tal-pannelli u tal-*inverters*. Iżid illi sussegwentement ġie mqabbad mill-Elmo Insurance sabiex jagħmel testijiet u jgħati analiżi fuq is-sistema', kif għamel fir-rapport imsemmi. Jikkonferma illi l-inċident seħħ bejn in-9 u 10 ta' Marzu 2012. Jispjega illi meta mar fuq il-post l-għada tal-inċident, li kien is-Sibt, sab illi għaxra mill-ħamsa u sebgħin pannella ma kinux għadhom imwaħħlin fuq il-bejt u seta' jara uħud minnhom fit-terrazzini ta' taħt, fil-ġonna u fit-triq. Jikkonkludi illi kienu twaħħlu żewġ fillieri ta' pannelli addizzjonali tal-istruttura - il-frame tal-panelli, mingħajr ma nbiddlet l-istruttura kollha u ċioe' żdiedet dik il-biċċa biż-żewġ fillieri ta' panelli, li ma kinux *supported* u mwaħħla sewwa. Jgħid illi dawn iż-żewġ fillieri inqalgħu bir-riħ. Mistoqsi jispjega iktar fid-dettall jgħid illi normalment il-pannelli ikunu installati ħdejn xulxin:

"inclined at 30 degrees".

Jgħid li normalment din tkun:

"strixxa wahda jew tkun supported iktar. Din f'dan il-kaz li ġara taħtha ovvjament kien hemm it-*tower crane* nieqes għax kien għadu kif jinqala' u dawn waħluhom. U dawn il-pannels inqabdu bir-riħ u tqaċċtu. Imbagħad ovvjament tqaċċtu waħda wara l-oħra".

B'referenza għall-*figure* 17 a fol. 74 tal-proċess, jispjega illi meta nqalgħet il-pannella, il-*bracket:*

"din it-T iddgħajfet minn din in-naħa, ovvjament imbagħad bdew jinqalgħu pannella wara l-oħra".

Muri d-dokument a fol. 80 tal-proċess jikkonferma li dakinhar tal-inċident ir-riħ kien laħaq forza 10. Huwa jżid illi struttura bħal dik in kwistjoni huma ddisinjati sabiex jifilħu għal riħ sa' forza 12. Jżid ukoll li l-*frame* tal-istruttura:

"seta' twaħħal ahjar għax kieku ma kienux jinqalgħu."

In kontro-eżami[4] jikkonferma li r-rapport tiegħu sar a nom tal-Elmo Insurance Ltd. Jikkonferma wkoll illi huwa kien l-Inġinier li tqabbad sabiex jagħmel il-*commissioning report*[5] datat 26 t'Ottubru 2011 ghan-nom tas-soċjetà intimata liema rapport jinkludi ċertifikazzjoni tal-installazzjoni eletrika u ċioe li l-pannelli jaħdmu sewwa u jiġġeneraw id-dawl. Mistoqsi jekk il-vent indikat f'ritratt f'Figure 5 ta' Dok B tar-rapport kienx imwaħħal mal-art huwa rrisponda illi qabel l-inċident kien imwaħħal u kien qed jagħti support lill-frame minn fejn inqalgħu l-pannelli, għaliex li kieku ma kienx il-każ kien jiġbed l-attenzjoni biex isir. Jikkonferma ukoll li t-toqba fil-bejt għat-*tower crane* li kienet qed tuża r-rikorrenti kienet viċin ħafna tal-vent. Jgħid illi l-vent kien parti mill-ħsarat li kien hemm, għaliex kien wieħed mill-affarijiet li kien qed iżomm l-istruttura biex ma ttirx. Jgħid li dan il-vent kien tqaċċat: dan seta' sar jew bil-*vibration* pero' ma jidhirx li kien hemm saħħa fuqu għaliex il-*bulldog clips* għadhom intatti. Iżid li l-*frame* kien ċertifikat minn Schletter, waħda mill-aqwa ditti tal-*frames*. Jgħid ukoll illi minkejja li huwa kien ta parir lir-rikorrenti sabiex il-pannelli ma jintmissewx, dawn inqalgħu. Jsostni illi l-*frame* kellu

[4] a fol.793 tal-proċess

[5] Dok JA1, a fol.793 tal-proċess.

jiġi spezzjonat għad-danni, sabiex il-partijiet danneġjati jinbidlu u tiġġedded il-garanzija fuq il-pannelli u l-*frame*.

Jixhed li fir-rakomandazzjonijiet fir-rapport tiegħu jgħid ukoll illi l-għaxar pannelli li nqalgħu kellhom jiġu mibdula mis-soċjeta intimata' filwaqt li r-rimanenti 65 pannella kellhom jiġu ttestjati sabiex jaraw għadhomx tajbin. Jgħid li mill-kalkoli tiegħu l-frame kellu jiflaħ għal ħafna iktar riħ. Jispjega li l-ħsara tidher li bdiet min-naħa tal-lemin tal-*frame*, iżda l-bqija tal-*frame* ukoll jidher li sostna ħsarat, u jattribwixxi l-ħsarat għall-ventijiet li inqalgħu jew setgħu inqalgħu bil-*vibration* tar-riħ[6]. Jgħid li mill-għaxar pannelli li nqalgħu ma kienx hemm ventijiet. Jikkonkludi illi r-raġuni li l-pannelli inqalgħu hija attribwibbli għall-*negligent workmanship* meta twaħħlu l-pannelli, partikolarment li kieku l-vent li nqala' kien imwaħħal sew, għaliex fejn il-ventijiet kienu mwaħlin, il-*frame* baqa' intatt. Jispeċifika li bħala struttura huwa sabha tajba. Jispjega li l-pannelli bdew jinqalgħu mit-truf minn post wieħed, ħareġ il-bolt li kien qed iżomm il-bracket, inqalgħet bracket u l-oħrajn warajha. Jikkonferma li huwa ma jistax jgħid kif inqala' l-vent pero' dan kien imwaħħal mal-qiegħ tal-bejt u mal-*frame* tal-istruttura. Jispjega wkoll li wara l-inċident tħejja rapport ieħor minn ECL Consulting Engineers[7] għall-installazzjoni ta' struttura ġdida ta' pannelli. Jgħid li din l-istruttura kienet tiflaħ iktar.

In ri-eżami jgħid li l-installazzjoni tal-ventijiet kienet miżura ta' prekawzjoni pero' l-istruttura kellha tiflaħ għar-riħ anke mingħajr il-ventijiet. Jikkonferma wkoll li ma jafx jekk r-rikorrenti pruvatx tagħmel kuntatt mal-intimata sabiex teżegwixxi r-rakomandazzjonijiet tiegħu fuq l-ittestjar tal-hamsa u sittin pannelliau l-bdil tal-ghaxra li nqalgħu.

---

[6] vide marki magħmula mix-xhud fuq Dok MG2, a fol. 437 tal-proċess.
[7] Dok JA4, a fol. 830 tal-proċess

Rat ix-xhieda ta' **Maik Metz** (a fol. 140, 1384 u 1469b tal-proċess) li spjega li huwa impjegat bħala *project manager* mas-soċjeta' rikorrenti WH Property Limited u għandu tlettax-il sena esperjenza f'dan ix-xogħol. Jispjega li hu kien involut sabiex iġib fondi għall-installazzjoni tal-pannelli permezz ta' *grant* għall- 50% tal-ispejjeż minn Malta Enterprise. Jixhed li mit-tlett stimi li ottjena, s-soċjeta' intimata kellha l-orħos offerta. Jgħid illi huwa ġie assigurat mis-soċjeta' intimata li dawn ġew installati skont l-istandards Ewropej. Jżid illi hu kien f'kuntatt ma' Anthony Saliba. Iżid illi wara li stħarreġ jekk l-installazzjoni kinitx skont l-istandards Ewropej, l-intimata installat ħbula tal-metall sabiex tgħati iktar saħħa lill-frame, liema ħbula ma kinux parti mid-diżinn oriġinali, iżda ġew installati sabiex jagħmlu l-istruttura iktar sigura. Jgħid li għall-perjodu l-pannelli kienu operattivi. Iżid ukoll illi ftit jiem wara l-installazzjoni kien hemm inċident ieħor fejn persuna ħadet xokk mal-frame u s-soċjeta' intimata għamlet riparazzjonijiet sabiex tassigura s-sigurta'. Iżid li wara l-maltempata irrealizza li kien hemm madwar għaxar-il (10) pannella nieqsa u li peress li kienu inkwetati li dawn setgħu taru fuq xi karozzi, jew weġġgħu lin-nies beda jfittixhom immedjatament. Jgħid li uħud mill-pannelli instabu fil-binja stess fit-tielet jew ir-raba' sular, oħrajn instabu fil-*courtyards* u fit-triq. Iżid ukoll li l-pannelli kollha nġabru u ġew miżmuma fil-binja. Jgħid li l-*frame* kien kważi distrutt u li ma kien xejn sigur. Huwa għamel kuntatt ma' Anthony Saliba, spjegalu x'ġara u talbu sabiex imur fuq is-sit u jneħħi l-bqija tal-pannelli iżda dan ma sarx u ma ngħatatlu l-ebda spjegazzjoni għaliex ma sarx, minkejja li prova jikkomunika magħhom kemm-il darba. Jenfasizza li hu mexxa biex ineħħi l-pannelli u l-istruttura bħala miżura ta' saħħa u sigurtà, sabiex dawn ma jkunux ta' periklu. Jgħid ukoll li peress li

l-binja hija koperta b'assigurazzjoni huwa nforma immedjatament lill-kumpanija assigurattriċi. Iżid illi l-Inġinier Johann Aloisio tqabbad jagħmel rapport. Jispjega li wara tqabdet il-kumpanija Wurth sabiex tneħħi l-pannelli għaliex kienu qed jibżgħu illi l-pannelli rimanenti jiġrilhom l-istess mal-buffura riħ li jmiss. Jgħid li l-pannelli nżammu fil-binja stess filwaqt li l-*frame* ittieħed ġewwa garaxx fil-Mellieħa.

Mistoqsi in kontro-eżami fuq l-*ispecifications* li kien talab għall-pannelli jgħid li kull kumpanija għandha tara hi li timxi mar-regoli Ewropej, iżda l-iktar ħaġa importanti kienet li jimmassimizzaw l-ammont ta' enerġija li tista' tiġi prodotta. Jispeċifika li huwa ma jifhimx fl-istruttura u kien responsabbli biss mill-proġett u sabiex iġib il-finanzjament tal-fondi Ewropej. Mistoqsi jekk il-ħaddiema tal-intimata marrux fuq is-sit u jekk marrux immedjatament jirrispondi fin-negattiv. Mistoqsi ukoll jekk jafx meta tneħħa t-towercrane jirrispondi fin-negattiv. Jikkonferma ukoll li hu kien ikkummissjona r-rapport imħejji mill-Perit Pierre Farrugia.

Rat ix-xhieda ta' **Maria Giordimaina** (a fol. 144, 422, 466, 417, 816 u 1468 et seq tal-proċess) fejn spjegat illi hija ilha taħdem mas-soċjeta' rikorrenti sa' mill-2012, u tieħu ħsieb il-binja tas-soċjeta' rikorrenti li tinsab f'Ta' Xbiex. Il-Qorti rat ukoll id-dokumenti minnha preżentati. Ix-xhud tgħid illi s-Sur Maik Metz kien qed jieħu ħsieb l-installazjonijiet u li hija kienet involuta wara li kien sar l-inċident u l-pannelli ġew imneħħija minn fuq il-bejt tal-fond. Tispjega li hija kienet ġiet mitluba mid-diretturi sabiex tiffinalizza l-installazzjoni tal-pannelli solari u għaldaqstant kienet kkuntatjajt lill-intimata sabiex tara x' inhi s-sitwazzjoni u jekk hix lesta li terġa' tinstalla' l-pannelli. Tgħid illi hija kienet għamlet kuntatt ma' Anthony Saliba. Tikkonferma ukoll illi s-soċjeta' rikorrenti kienet applikat għall-*energy grant* mal-Malta Enterprise, liema grant kien

għadu jrid jiġi approvat meta kienet involuta hi. Tispjega illi wara li jiġu installati l-pannelli Malta Enterprise tagħmel *on-site visit* biex tara li l-pannelli ġew imwaħħlin, li dawn huma skont il-kwantitajiet kif miftiehem u li ġew konnessi mal-grid elettriku. Iżid illi peress li kienu għadhom fil-ħin sabiex s-soċjeta' rikorrenti tottjeni dawn il-fondi hija kienet qed terga' tipprova twaħħal il-pannelli sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-*grant:*

> **'Xhud :** *Well, ikkuntatjajna lil Solar Engineering biex niftehmu fuq way forward; first and foremost inwahhlu l-panneli b'mod li ma jergax ikollna incidenti bhal kellna qabel. Ghaldaqstant jiena ikkuntatjajt lill-Perit Pierre Farrugia biex jaghmilli design ghal struttra – substructure gdida ghal taht il-panelli. Ikkuntatjajt ukoll inginier Johann Aloisio to make sure li l-pannelli kollha ser ikollhom maximum exposure to the sun fuq il-bejt; hrigna b'design, tlabna stima lil Solar Engineering u tawna stima. Wara li nharget din l-istima prattikament qbilna fuq kif ghandhom jigu ittestjati l-panelli l-qodma, kif ghandhom jigu riplejsjati l-panelli li kienu taru. Konna l-unika haga li hallejna pendenti kienet it-timeframes ta' meta riedu jitwahhlu peress li ridna sort of impoggu kollox bil-miktub bejnietna. Issa meta gejna biex impoggi kollox bil-miktub sfortunatament ma komplejniex immexxu.*
>
> **Dr Ian Vella Galea :** *Ghaliex?*
>
> ***Xhud :*** *Ghamilna telefonata bejni u bejn id-direttur tieghi Angelo Dalli u Anthony Saliba fuq it-telephone. Qbilna kif ghadni kif ghedt, prezzijiet, kif ghandhom jitwahhlu, replacement, warranties etc; pero` meta gejna when we reproduced them onto a contract basically wehlu ghand l-avukat ta' Solar Engineering.*

***Dr Ian Vella Galea :*** *Sewwa, inti qed tispjega li ghamiltu dizinji ghal frame gdid u hrigtu gibti quote minn ghand Solar Engineering.*

***Xhud :*** *Yes*

***Dr Ian Vella Galea :*** *X' kienet ir-raguni li attwalment ingabet quote u mhux fthemtu mod iehor? Jigifieri intom x' kontu qed tallegaw dak iz-zmien rigward il-frame u rigward is-solar panels?*

***Xhud :*** *Ahna qatt ma kellna problema bis-solar panels. Il-problema taghna kienet bil-frame.*

***Dr Ian Vella Galea :*** *Issa f' dak ir-rigward x' kienet ir-reazzjoni l-pozizzjoni ta' Solar Engineering x' kienet? X' kienet qed tghid? Qed naccatta r-responsabiilta`? Mhux qed naccetta rresponsabbilta`?*

***Xhud :*** *Le we never, no qatt ma kienet wasalna li Solar Engineering jerfghu responsabbilta` tal-frame; fil-fatt il-korrispondenza li kelli maghhom anke ta' l-istima dejjem tghid li huma bl-ebda mod ma qeghdin jaccettaw responsabbilta` tal-frame.*

***Dr Ian Vella Galea :*** *Sewwa. Imma intom ghalfejn kontu lesti li thallsu ghal dan il-frame gdid?*

***Xhud :*** *Ghax ridna dawn il-panels imwahhlin imhabba - ghal raguni wahda kienet li l-panels xtrajnihom u hallasnihom, so we needed them functional; but above all we had a grant that we had also to lose.*

***Il-Qorti :*** *Fil-fatt tliftuha?*

***Xhud :*** *Yes. We have; the grant was revoked.*

***Il-Qorti :*** *Taf kemm kien l-ammont?*

***Xhud :*** *Approximately thirty four thousand Euros.'*

Ix-xhud tikkonferma ukoll illi nġabet stima għax-xogħlijiet mingħand kumpanija oħra, iżda li kien ġie deċiż mis-soċjeta' rikkorrenti internament li jittentaw jaslu f'arranġament mal-intimata anke minħabba aspetti oħra bħal *warranties* fuq il-panelli. Tgħid illi kienet intalbet stima għall-installazzjoni ġdida mis-soċjeta' intimata, li kellha tiflaħ għall-riħ forza 12 u li kellha tkun kostruwita b'mod illi jkun jista' jsir *servicing* tal-pannelli sia minn fuq kif ukoll minn isfel. Iżżid illi din kellha tkun sistema u struttura unita b'tali mod illi ma setgħetx ittir parti minnha. Tispjega li kienet ikkomunikat mal-avukat tas-soċjeta' intimata sabiex jiġi ffinalizzat kuntratt anke minħabba t-termini ta' żmien qosra illi r-rikorrenti kellha ma' Malta Enterprise. Tgħid illi hija kien irnexxilha tottjeni biss terminu wieħed ta' estensjoni taż-żmien sas-17 ta' Ġunju. Iżżid li hija kienet infurmat b'dan lill-avukat tas-soċjeta' intimata permezz ta' korrispondenza datata 8 ta' Mejju 2013, fejn talbet risposta sa' terminu prefiss tat-13 ta' Mejju.[8] Giordmaina tikonferma illi Maik Metz kien ikkuntattja lill-kumpanija Wurth b'mod separat sabiex tidiskonnetti u tneħħi l-pannelli minn fuq il-bejt biex ma jkunx hemm iktar perikolu.[9] Tippreżenta ukoll dokumentazzjoni mingħand il-kumpanija t'assigurazzjoni minħabba l-*insurance claim* illi saret għad-danni li s-soċjeta' rikorrenti sofriet meta taru l-pannelli. Tispjega ukoll li l-kumpanija t'assigurazzjoni qabdet lill-Inġinier Johann Alosio sabiex iħejji rapport tal-akkadut:

---

[8] Dok. MG 1, a fol. 119 tal-proċess
[9] Dok. MG 5, a fol. 132 tal-proċess

*‘**Xhud Inginier Johann Aloisio**: at that time iddeterminaw li l-hsara li grat kienet due to foaulty workmanship basically. Since the insurance determined that this was due to a problem with workmanship we weren’t eligible for insurance coverage. L-insurance hargitilna ex grazia payment because we insure all our other assists with them basically when we had a good relationship with them, and the only amount that was covered by the insurance amounted to five thousand and seven hundred twenty Euros.*

***Dr Ian Vella Galea :** and what did this cover this amount? What did it represent?*

***Xhud :** It represented cover to fix the roof basically, nothing else, nothing related to the panels, nothing else.*

***Il-Qorti :** Pero` ircivjetu ex grazia payment over and above ta’ l-ammont li semmejt?*

***Xhud :** No. this is the ex grazia payment.*

***Il-Qorti :** That is the amount.*

***Xhud :** This is it.*

***Dr Ian Vella Galea :** Tista’ tesebixxi id-dokument?*

***Xhud :** Of course. U ghandi ukoll invoice tax-xoghlijiet li saru fuq il-bejt ukoll wara.*

***Dr Ian Vella Galea :** Issa dawk ix-xogholjiet x’ xoghlijiet huma?*

***Xhud :** Ix-xoghlijiet li kellna naghmlu biex jittranga l-bejt meta taru l-panelli u taret l-istruttura*

***Il-Qorti :*** *Ghal hsarat li kienu fuq il-bejt.*

***Xhud :*** *Yes. Dik l-invoice hija mhallsa wkoll.*

***Il-Qorti :*** *Dawn qed jigu esebitti u mmarkata bhala Dok "MG 6" u "MG 7".*

***Dr Ian Vella Galea :*** *Jigifieri llum il-gurnata s-sitwazzjoni x' inhi llum? Il-grant hadtuha?*

***Xhud :*** *Illum il-gurnata l-grant gie revokat, ma hadniehx.*

**Dr Ian Vella Galea:** *Intom kontu hallastu lil Solar Engineering.*

***Xhud*** *: Ahna hallasna lil Solar Engineering in full.*

***Dr Ian Vella Galea :*** *Il-pannelli qeghdin f'sitwazzjoni li jew il-frame qieghed f' sitwazzjoni llum li jintuza?*

***Xhud****: Fil-fehma taghna u tal-perit taghna u ta' l-inginier li rah le.*[10]

In kontro eżami tikkonferma illi s-soċjeta' rikorrenti kellha tapplika għall-permess ta' minor amendment mal-Awtorita' tal-Ippjanar li kellu jinkludi l-installazzjoni tal-pannelli. Tispjega pero' li peress li dawn laħqu nqalgħu fil-frattemp, l-applikazzjoni għall-minor amedment li saret ma kinitx tinkludi l-pannelli.

Rat ix-xhieda tal-Perit **Peter Mifsud** (a fol. 319, 354 u 1287 et seq tal-proċess), analista fil-Malta Resources Authority u iktar tard is-suċċessur tal-istess ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u Ilma,

[10] a fol. 149 tal-proċess

u d-dokumenti minnu preżentati. Jispjega illi fil-31 t'Awwissu 2010 kienet inħarġet awtoriżżazzjoni mill-Awtorita' sabiex tinbeda s-sistema' b'kilowatt peak ta' 24.59. Jispjega ukoll illi mir-rapport mibgħut mill-Inġinier l-Awtorita' kienet innutat li l-kapaċita' tas-sistema' naqset bin-nofs u r-rikorrenti kienet intalbet tissottometti applikazzjoni ġdida biex tirrifletti dan il-bdil. Jgħid li din kellha kilowat peak ta' 16.875. Il-liċenzja inħarġet fit-13 ta' Jannar 2012 wara li ġiet iċċertifikata mill-Inġinier fis-26 t'Ottubru tal-2011. Jispjega li dak iż-żmien kien hemm bidla fit-tariffi u li saret talba sabiex minflok it-tariffi ta' qabel l-2010 japplikaw għal tariffa ġdida u għażlu l-opzjoni li jbiegħu l-units ta' elettriku ġenerat. Iżid illi minn dakinhar ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni oħra. Jikkonferma illi t-tariffa fl-2010 kienet ta' 20 cents għal kull unit għal seba' snin "u kien hemm capping sa' massimu ta' 10 thousand units (dawn jiġu units) fis-sena".[11]

Jixhed illi fl-2010 l-MRA kienet titlob *no objection* mill-Enemalta biex jivverifikaw jekk f'dik il-kapaċita' hemmx problema li s-sistema' titqabbad man-*network* tagħha, liema ittra ntbghatet fis-7 ta' Mejju 2010. Jispjega wkoll li skont il-kundizzjonijiet tal-liċenzja kull modifika li ssir fuq is-sistema trid tiġi rrapurtata lir-Regolatur. Jgħid ukoll li skont l-informazzjoni li għandu hu ma jirriżultax li kien hemm *material changes* rapurtati. Jinnota li l-involviment tar-regolatur jieqaf mal-ħruġ tal-liċenzja.

Rat ix-xhieda ta' **Christopher Bowtell** (a fol. 324 u 336 tal-proċess), *General Manager* tal-Accord Insurance Brokers li spjega li saret *claim* mir-rikorrenti għall-ħsarat li ġarrbu fuq il-bejt fuq il-propjeta' tagħha wara maltempata fejn inqalgħu pannelli solari li kienu installati fuq il-bejt li kienet tammonta għall-ħdax-il elf mitejn u sebgħa u erbgħin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€11,247,76).

[11] a fol. 321 tal-proċess.

Jispjega li nqalgħu għaxar (10) pannelli minn hamsa u sebghin (75) pannella installata. Il-claim kienet ġiet preżentata lilu bħala broker u hu għaddiha lil Elmo Insurance Ltd. Iżid li wara l-Elmo Insurance Ltd qabdet l-inġinier Johann Alosio sabiex jirrelata b'rapport dwar l-akkadut u li l-Elmo Insurance Ltd. abbażi ta' dan ir-rapport inizjalment irrifjutat il-*claim* għar-raġuni li l-*insurance policy* ma kinitx qegħdha hemm biex tkopri ħsarat ikkaġunati minn xogħol jew prodott ħażin. Iżid pero' illi minħabba r-relazzjoni eċċellenti li kien hemm mar-rikorrenti l-Accord Insurance Brokers (dak iż-żmien KMB) u l-Elmo Insurance Ltd, tal-aħħar kienet ftehmet li tħallas parti mill-ħsarat bħala *ex gratia settlement* fit-total ta' ħamest elef mitejn u għoxrin ewro u wieħed u erbgħa u tletin ċenteżmu (€5,220.34) mingħajr il-VAT. Iżid li l-ammont kien jirrapreżenta *replacement value* tal-għaxar pannelli u wkoll fih kien inkluż dak li l-insurance offriet li tħallas elf ewro (€1,000) mill-istima ulterjuri tal-hsarat fil-bejt, stmati fi-somma ta' sitt elef ħames mija u tnejn u għoxrin ewro u sitta u tlettin ċenteżmu (€6,522.30) li ġie ikkalkulat a bażi ta' stimi ta' riparazzjoni u bdil neċessarju fil-propjeta', li minnhom tnaqqsu ukoll l-excess tal-policy ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500). It-total tal-*claim* imħallsa kien ta' ħamest elef mitejn u għoxrin ewro u wieħed u erbgħa u tletin ċenteżmu (€5,220.34).

Rat ix-xhieda ta' **Jeffrey Custo`** (a fol. 748A u 765 et seq tal-proċess) Amministratur fl-Uffiċċju Meteorologiku li esebixxa r-rapport immarkat bħala JC1[12] u JC2[13] li juri l-lokalitajiet fejn jinsabu l-*weather stations*. Hu kkonferma illi r-riħ fid-disgħa (9) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) kien ħafif imbagħad inbidel għal qawwi u għal qawwi ħafna u laħaq qawwa ta' riefnu. Jispjega li d-direzzjoni tar-riħ jidher li kienet mill-Majjistral u daret għall-

[12] a fol. 744 tal-proċess
[13] a fol. 777 tal-proċess

Grigal, imbagħad daret għax-Xlokk, jigifieri li taffettwa lill-kosta tal-Grigal ta' Malta. Iżid ukoll li f'dak iż-żmien fil-kosta tal-Grigal ta' Malta, Ufficju Meteorologiku kellu *weather station* Selmun u il-Belt Valletta li jkopru il-kosta fil-lokalita' ta' Tas-Sliema. B'kollox dak iż-żmien l-Ufficju Meteorologiku kellu sitt (6) *weather stations* f'Malta u tnejn (2) f'Ghawdex: Selmun, il-Belt Valletta, Ħal Luqa, Bengħajsa f'Birzebbugia, Ħad-Dingli, u ix-Xewkija u x-Xagħra Għawdex. Iżid ukoll li minkejja li l-Uffiċċju kellu ukoll *weather station* l-Imsida, din kellhiex *wind sensor* dak iż-żmien. Jgħid illi l-għola buffura riħ reġsitrata mill-*weather station* tal-Belt Valletta hija ta' 46 mil nawtiku fis-siegħa u ġiet reġistrata fis-6:00am b'*mean wind speed* ta' forza 7, bl-ogħla qawwa tar-riħ reġistrata il-Belt Valletta b'forza 7 u Selmun b'forza 10. Jgħid li l-*weather station* tal-Belt Valletta huwa għoli fuq 40 metru mill-baħar u qiegħed fuq il-ponta ta' Sant'Iermu, filwaqt li ta' Selmun huwa għoli madwar 150 metru mill-baħar.

In kontroeżami jikkonferma illi l-eqreb *weather station* għall-kosta ta' Tas-Sliema u ta' Xbiex, hija dik tal-Belt Valletta. Jikkonferma ukoll li l-kejl u d-direzzjoni tar-riħ li tkellem dwarhom ittieħdu mill-*weather station* tal-Belt Valletta. Jispjega ukoll li minkejja li r-riħ kien ekwivalenti għall-forza 8, il-qawwa tar-riefnu tkun iġġeneralizzata għall-pajjiż kollu. Iżid li f'dan il-każ partikolari, din il-qawwa ta' riefnu ma kinitx intlaħqet mill-Belt Valletta, hekk kif l-ogħla saħħa reġistrata kienet dik ta' forza 7. Jispjega wkoll li l-*accuracy radius* tal-*weather station* tkun iktar minn ħamsa sa' sitt kilometri, jiġifieri tkopri il-ftuħ tal-portijiet maġenb il-Belt. Mistoqsi jekk jeskludix li r-riħ laħaq forza 9 jew 10 lejn Ta' Xbiex forza 10 huwa jsostni li l-possibilitajiet huma li le, anke li kieku kien il-każ dan kien ikun reġistrat għaliex l-*weather station* qiegħed bil-faċċata specjalment jekk ir-riħ ikun mix-Xlokk, il-Grigal u l-Lvant u ma jkollux ilqugħ mill-pajjiż.

Rat l-affidavit ta' **Raymond Mario Ellul** (a fol. 773 tal-proċess), Professur tal-Geoxjenza tal-Universita' ta' Malta speċjalizzat fil-bidla tal-klima u t-tniġġis fl-atmosfera. Huwa jispjega li d-Dipartiment għandu *global atmosphere watch station* fil-Fanal fuq l-ħolja tal-Ġordan fl-Għasri f'Għawdex[14] minn fejn jittieħed il-qawwa u d-direzzjoni tar-riħ. Jgħid li f'Mejju tas-sena 2012 kien intalab jagħmel rapport lis-soċjeta' intimata dwar l-għola forza tar-riħ li kienet ġiet reġistrata u wkoll dwar id-direzzjoni tar-riħ li ġiet irreġistrata fil-maltempata li seħħet fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012 fil-gżejjer Maltin. Jgħid li mill-qari reġistrat fuq l-anenometru ċjoe' l-pinnur eletroniku tar-riħ, l-għola qari tas-saħħa tar-riħ li ġie reġistrat f'dak il-lejl mill-imsemmija stazzjon tat-temp kien ta' mija u erbgħin kilometru fis-siegħa (140km/h) u l-ħin li fih ġie reġistrat kien fis-sagħtejn u tlieta u għoxrin minuta ta' filgħodu (02:23) tal-għodwa tal-10 ta' Marzu 2012. Iżid li din il-qawwa tar-riħ reġistrata hija ekwivalenti għal riħ forza tnax li hi forza ta' riħ li rarament tintlaħaq Malta. Esebixxa ukoll kopja grafika fejn immarka l-fenomenu naturali u l-ħin li fih kienet intlaħqet din il-forza għolja tar-riħ[15] kif ukoll kopja tal-*wind speed calculator* li turi l-konverzjoni tal-ekwivalenti minn kilometri fis-siegħa għal *beaufort scale* ċjoe' s-saħħa tar-riħ.[16] Jgħid ukoll li d-direzzjoni tar-riħ dak il-lejl kienet mill-Grigal li imbagħad dar għax-Xlokk. Iżid li l-post fejn jinsab l-istazzjon li għandu d-dipartiment tiegħu huwa fl-għoli ta' mija u tmenin metru (180m) 'il fuq mill-livell tal-baħar u huwa espost kompletament għall-elementi tat-temp u għal kull direzzjoni tar-riħ jonfoħ mil-liema direzzjoni jonfoħ, kif ukoll li dan l-unika stazzjon li kellu f'Malta d-dipartiment f'dak iż-żmien.

[14] Dok RE3, a fol. 776 tal-proċess
[15] Dok RE1, a fol. 774 tal-proċess
[16] Dok RE2, a fol. 775 tal-proċess

Rat ix-xhieda ta' **Keith Farrugia** (a fol. 1258 u 1421 tal-proċess), *division leader* fis-sezzjoni tal-enerġija rinnovabbli mas-soċjeta' Wurth u d-dokumenti minnu preżentati. Huwa jgħid li fl-2012 kien jaħdem mas-soċjeta' Wurth u ġew imqabbda mir-rikorrenti sabiex f'Ottubru tal-2012 jiżmantellaw sistema' ta' pannelli li kellha xi ħsarat minħabba l-maltemp minn fuq il-bejt. Jispjega li s-sistemà kienet iżżarmat minħabba kwistjoni ta' sigurtà għaliex kien hemm xi wires imqaċċtin. Jgħid illi l-Wurth ma kinux edotti mill-fatt jekk l-istruttura kinitx għadha taħt garanzija jew le. Jispjega li l-istruttura żżarmat, il-pannelli nqalgħu minn mal-istruttura u tniżżel kollox livell l-isfel għall-*penthouse* fl-istess binja. Jispjega ukoll li fl-2017 s-soċjetà rikorrenti reġgħet ġiet avviċinata sabiex tħejji rapport fuq *testing* tal-pannelli li nqalgħu fejn l-ewwel sar *visual test* biex jiġi determinat jekk kienx hemm xi difetti viżibbli bħal grif u daqqiet u wara sar *electrical test*.[17] Jgħid li fl-2012 l-Wurth tqabbdet biss tiżmantella l-pannelli u mhux li tiċċekjhom ukoll. Iżid li fl-2017 il-pannelli kienu ġew imċaqilqa għall-maħżen fil-Mellieħa. Mistoqsi jekk fl-2012, qabel inqalgħu il-pannelli huwa kienx ivverifika jekk is-sistemà kinitx qed taħdem jgħid li s-sistemà kienet mitfija u li din ma setgħetx tiġi ċċekjata għaliex kien hemm il-wires maqlugħin, b'pannelli li nqalgħu minn posthom u bil-*wires* imdendlin. Jgħid li l-65 pannella l-oħra ma setgħux jaħdmu għaliex il-*connections* kienu maqlugħin, bil-*wires* mhux itterminati sew u bic-*circuits* iddiskonnetjat. Jispjega li l-pannelli kienu mqabbda minn waħda għall-oħra *in series* u li jekk ic-*circuit* kien imwaqqaf, imkisser jew maqtugħ l-oħrajn ma setgħux jaħdmu. Jispjega li meta fl-2017 ttestjaw il-pannelli sab li kien hemm uħud li kellhom difett viżibbli, tmienja kellhom il-*junction box* ta' wara *overheated,* bil-*cables* maqlubin, waqt li oħrajn kellhom difett intern taħt il-ħġieġa, b'waħda kellha l-ħġieġa

[17] Dok B a fol. 340 tal-proċess

mkisra. Jispjega ukoll li meta sar test ieħor sabiex jivverifikaw il-*performance curve* tal-pannella irriżulta li kien hemm waħda qed tipperformja ħafna inqas mill-oħrajn, filwaqt li l-63 pannella rimanenti kienu kollha fl-istess ilma.

Rat ix-xhieda tal-Perit **Dr Pierre Farrugia** (a fol. 1268, 1362, 1423 u 1512 tal-proċess). B'referenza għar-rapport datat 17 ta' Settembru 2012 immarkat Dok MG4 (a fol. 1081 tal-proċess) jikkonferma illi dan ġie ppreżentat minnu lis-soċjetà rikorrenti wara li tqabbad jagħmel analiżi tal-istruttura tal-aluminium li kien hemm fuq il-bejt tal-propjetà li kienet intiża biex tiflaħ sistema ta' pannelli fotovoltajiċi. Jikkonferma wkoll illi filwaqt li l-Perit Robert Musumeci kien il-perit inizjali li applika mal-Awtorita' tal-Ippjanar, eventwalment kien inbidel il-perit u tqabbad hu bħala perit ta' Qunatum House inkarigat mid-disinn tal-istruttura. Ikkjarifika li kien responsabbli mic-*civil works.* Jgħid li kien involut sa mill-bidu nett tal-proġett. Mistoqsi dwar id-Dokument PD1 bħala parti minn Dok MG4 jgħid li dan id-dokument huwa diżinn preliminari li juri kunċett ta' kif setgħet issir struttura biex tiflaħ pannelli fuq profili tal-ħadid li jvarjaw minn ċertu qisien għal qisien. Iżid li wara dan id-diżinn wieħed irid jagħmel iktar dettalji, liema dokument tħejja wara li għamel ir-rapport tiegħu. Jgħid li l-istruttura li għamel r-rapport dwarha fis-17 ta' Settembru 2012 hija differenti, inkluż anke bħala materjal.

Rat ix-xhieda ta' **Angelica Bugeja** (a fol. 1282 u 1342 et seq tal-proċess), *case-officer* fl-Awtorita' tal-Ippjanar u d-dokumenti minnha preżentati.

Rat ix-xhieda ta' **Ian Galea** (a fol. 1519 et seq tal-proċess), rappreżentant ġuridiku tal-Awtorita' tal-Ippjanar u d-dokumenti minnha preżentati.

Rat ix-xhieda ta' **Karl Herrera** (a fol. 315, 328, 358 u 398 *et seq* tal-proċess) *Chief Officer Incentives Management* fil-*Malta Enterprise Authority* u d-dokumenti minnu preżentati. Jispjega illi WH Property applikat għal sistema' ta' pannelli fotovoltajiċi, iżda dan il-grant ġie revokat permezz ta' ittra minn *Malta Enterprise* datata 2 ta' Mejju 2013[18] peress illi meta waslu fl-ipproċessar tal-pagament, il-pannelli ma kinux f'posthom, minkejja li kellhom informazzjoni li dawn kienu twaħħlu qabel id-data tal-inċident, liema r-rikorrenti wieġbet lura. Jgħid li l-Malta Enterprise kienu ġew infurmati li kien hemm inċident u dawn inkisru jew taru bir-riħ. Jispjega li r-rikorrenti ma setgħetx tgħati data b'garanzija meta dawn il-pannelli se jkunu mwaħħla, u għalhekk ma setgħax isir 'spot-check' mill-*Malta Enterprise* sabiex jiġi kkonfermat li l-investiment sar skont il-*grant agreement* b'valur ta' €34,484.91 li huwa bbażat fuq nofs l-ammont tal-offerta magħżula minn tlett offerti li suppost ikunu komparabbli. Jgħid ukoll li kien hemm *claim* f'dan is-sens. Isostni illi r-rikorrenti kienet għamlet diversi kommunikazzjonijiet mal-*Malta Enterprise* u sar anke rapport ta' soċjeta assigurattiva. Iżid ukoll illi skont il-*grant agreement,* min jibbenifika mill-fondi ikun obbligat iżomm l-investiment għall-ħames snin, u li:

*"f'każ illi jinqala' xi ħaġa hu obbligat li jġib kollox fis-sitwazzjoni oriġinali inkella ikollna aħna niġbru l-flus lura jerġa'. (…) Iġifieri ħsarat, kwalunkwe ħaġa li żżomm is-sistema milli topera trid tiġi irranġata, inkella aħna jkollna niġbru fondi lura."*

Mistoqsi in kontro-eżami għal kemm-il pannella saret l-applikazzjoni jgħid li l-*Malta Enterprise* jkun jinteressaha mid-daqs tas-sistema u mhux kemm ikun hemm pannelli u li jiġi vverifikat

[18] Dok. KH1, a fol tal-proċess

illi l-installazzjoni tkun saret skont l-applikazzjoni. Iżid illi peress li *Malta Enterprise* kienet ġiet infurmata mir-rikorrenti illi l-pannelli mhux f'posthom u li s-sistema mhux taħdem ma kinitx saret spejzzjoni fis-sit. Jinnota li l-fondi tal-*grant* ma kinux ta' *Malta Enterprise* iżda fondi Ewropej li kien hemm żmien limitat li fih jistgħu jiġu proċessati.

Rat ix-xhieda ta' **Angelo Dalli** (a fol. 333, 438 u 1533 *et seq* tal-proċess) li huwa direttur u shareholder fis-soċjeta WH Property Ltd u d-dokumenti minnu preżentati. Jgħid li meta seħħ l-inċident peress li r-rikorrenti diġà kellha arranġament mal-Enemalta Plc. u l-Malta Resources Authority hija kienet qed titlef il-flus. Izid li wara l-iffirmar tal-ftehim tat-3 ta' Awwissu 2011, is-sistema' tal-pannelli fotovoltajiċi ġiet ikkummissjonata għall-installazzjoni f'Ottubru 2011 filwaqt li l-ittestjar finali sar fl-20 ta' Jannar 2012. Mill-20 ta' Jannar 2012 is-sistema kienet funzjonanti sal-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012 meta seħħ l-inċident. Jsostni li l-installazzjoni ġiet danneġjata minħabba installazzjoni ħażina li saret mill-intimata. Jgħid li l-hamsa u sittin (65) pannella li baqgħu intatti ġew miżmuma u sar testing tagħhom fl-2017 mill-Inġinier Keith Farrugia u irriżulta li tlieta u sittin minnhom (63) kienu għadhom fi stat perfett. Jikkontendi illi r-rikorrenti ġiet diprevata milli tiġġenera elettriku minn dak iż-żmien u jagħti spjegazzjoni ta' kif wasal għall-kalkulazzjonijiet ta' telf ekonomiku ta' €35,891.41 sa' Marzu tal-2018. In kontroezami jgħid illi hemm differenza bejn diżinn ta' layout u struttura u li kienet l-intimata li ddiżinjat l-istruttura.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Alessia Zammit McKeon** (a fol. 733 u 1540 tal-proċess), a nom ta' Elmo Insurance Ltd u d-dokumenti minnha preżentati. Hija nnutat li l-*claim file* a nom tar-rikorrenti kien ġie distrutt minħabba li għadda r-*retention period* tiegħu u d-

dokumenti preżentati kienu kopja ta' dokumenti eletroniċi. Ikkonfermat ukoll li sar pagament u li dan issarraf f'April 2013.

Rat ix-xhieda tal-Inginier **Phyllis Micallef** (a fol. 1347 tal-proċess), *Head of Regulation* mar-Regolatur għall-Enerġija u s-Servizzi tal-Ilma. Tispjega li kien hemm żewġ applikazzjonijiet mir-rikorrenti: waħda għall installazzjoni ta' 23 *kilo watt peak* u l-oħra ta' 16 *kilo watt peak*. Tgħid illi bħala proċess kien jinvolvi *schematic, no objection* mill-Enemalta plc., *connection offer, system stabliity study* u *commissioning report*. Tinnota li l-obbligu tal-applikant illi jara li jkollu kull permess meħtieġ u li l-awtorizazzjoni u l-liċenzji tar-Regolatur ma jinċidux fuq obbligi ġenerati minn liġijiet u awtoritajiet oħrajn. Tikkonferma li mill-ewwel għat-tieni applikazzjoni kienu inbidlu l-formoli. Tispjega li rrispettivament mill-ottenenza *o meno* tal-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar, l-MRA xorta waħda tkun ħarġet awtorizzazzjoni u liċenzja valida. Iżżid illi l-applikant ikun obbligat jinforma lir-Regolatur f'każ illi jkun hemm *material alterations* li jaffettwaw il-kapaċita ta' *kilowatt* installata. L-MRA ma kinitx ġiet infurmata li s-sistema' tneħħiet.

Rat l-affidavit ta' **Michael Cini** (a fol. 1574 *et seq* tal-proċess) impjegat bħala *technician* mas-soċjetà intimata mill-2007 sal-2016, fejn ħadem fuq l-installazzjoni u ittestjar ta' sistemi fotovoltajiċi fuq il-bejt tas-soċjetà rikorrenti, kemm l-installazzjoni teknika ċioe' l-bini tal-istruttura kif ukoll fuq is-sistemà elettrika. Jgħid li s-sistemà li ġiet installata kienet ta' ħamsa u sebgħin (75) pannlla ta' 225W-il waħda tad-ditta Aleo. Jispjega li din is-sistemà kienet ġiet ittestjata u iċċertifikata mill-Inġinier Johan Alosio fil-preżenza tiegħu. Iżid li meta ġrat il-maltempata fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012 huwa kien ġie imsejjaħ mil-prinċipal tiegħu Anthony Saliba biex jitla' jaċċedi fuq il-bejt tal-binja tar-rikorrenti billi kienet ġiet irrapurtata ħsara fil-pannelli minħabba l-maltempata u biex

jara xi ħsara kien hemm. Jgħid li fl-għodwa tal-10 ta' Marzu 2012 stess kien tela' flimkien ma' technician ieħor fuq il-bejt u kien sab li fil-kantuniera tal-*mounting structure* fejn qabel kien hemm installat t-*tower crane* fit-tarf tal-bejt kien hemm maqlugħin għaxar pannelli. Jgħid li sitta minnhom kienu għadhom fuq il-bejt u kien hemm erbgħa oħra li sabhom fil-propjetà ta' terzi. Iżid li peress li dak iż-żmien ma kienx jaħdem nhar ta' Sibt, kien ġie msejjaħ minn Anthony Saliba biex jidħol xogħol b'emerġenza u jara x'kienet il-problema rappurtata. Jelabora li huwa applika l-*end clamps* fit-tarf tal-pannelli li kienu għadhom intatti mal-istruttura biex jevita r-riskju li dawn jistgħu jinqalgħu u jtiru bir-riħ. Iżid li tant kien riħ li kellhom jintrabtu billi l-bini jinsab għoli fuq sitta jew sebgħa sulari 'l fuq mit-triq u huwa espost għall-elementi tar-riħ bil-baħar quddiemu. Iżid ukoll li meta ikkalma l-maltemp kien reġa' mar fuq il-post u ttestja s-sistema elettrika għal xi periklu li jista' jkun hemm għas-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddieħor, pero' jgħid li rriżultalu li ma kienx hemm perikolu. Jispjega ukoll li ħa ħsieb jagħlaq is-sistemà elettrika tal-pannelli mill-ġdid biex din tibqa' taħdem u tagħti enerġija fuq ħamsa u sittin pannella flok 75 pannella sakemm tissewwa l-ħsara li ġarrbet l-istruttura u jeħlu mill-ġdid il-pannelli li kienu nqalgħu.

Rat l-affidavit ta' **Anthony Saliba** (a fol. 1575 *et seq* tal-proċess) direttur eżekuttiv tas-soċjetà intimata flimkien mad-dokumenti minnu preżentati. Jispjega li f'Settembru 2009 kienet saritlu talba minn Maik Metz, project manager ta' WH Works Ltd, kumpanija sussidjarja tas-soċjetà rikorrenti li kellu f'idejh il-proġett tat-tlestija tal-iżvilupp tal-binja kollha, sabiex jagħti quotation lir-rikorrenti sabiex tiġi installata sistemà ta' pannelli solari fuq il-bejt tal-penthouse ta' bini ta' uffiċini bl-isem *Quantum House*, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex. Jgħid li Maik Metz kien qallu li s-soċjetà rikorrenti kellha *budget* għall-installazzjoni ta' dawn il-pannelli u

ried japplika għall-kumplament minn fondi Ewropej. Jelabora li Maik Metz kien talbu jgħati stima għall-proviżjoni u installazzjoni ta' *mounting structure* tal-aluminjum li magħha kellhom jeħlu l-pannelli u mhux struttura tal-ħadid kif ġiet propost wara l-inċident. Jgħid li kuntrarju għal dak illi xehed il-Perit Pierre Farrugia l-proposta tas-soċjetà intimata kienet ibbażata fuq il-*layout plan* tal-*mounting structure* li propona l-Perit lir-rikorrenti, liema pjanta kienet intbgħatet lilu minn Maik Metz. Iżid illi l-prezz tal-istruttura tal-aluminjum hija ferm orħos (kważi nofs jew inqas) minn dik tal-ħadid galvanizzat. Iżid ukoll li meta l-aluminjum jiġi f'kuntatt mal-metall l-ieħor ikun hemm reazzjoni metallika bil-konsegwenza li maż-żmien l-*aluminium frame* jiddeterjora bil-*corrosion* u jagħmel ħsara irreparabbli lill-pannelli sakemm ma jsirx *insulation* bejn il-metalli li tinkorri spejjeż oħra. Jispjega li fis-17 ta' Marzu 2010 kienet inħarġet stima bil-prezz rivedut b'ditta oħra ta' pannelli magħżula bi prezz iktar kompetittiv, liema stima ġiet mgħoddija lill-Malta Enterprise sabiex ir-rikorrenti tibbenifika minn skema maħruġha u mħaddma minnha. Anke din l-istima kienet tinkludi *mounting structure* tad-ditta Shletter tal-aluminjum l-*profiles* li jintrabtu ma' xulxin b'viti tal-*stainless steel* bi trattament kontra s-sadid. Strutturi oħra tal-istess għamla ġew installati mis-soċjetà intimata f'postijiet oħra u qatt ma ġie rrapurtat lilhom li kien hemm xi problemi ta' ħsarat minħabba l-maltempati jew riħ qawwi. Jelabora li d-diżinn tal-installazzjoni kien għall-76 pannella. Jinnota li dak iż-żmien huwa ma kienx jaf li l-*layout* lilu mgħoddi ma kienx kopert b'permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar u dan skoprih iktar tard. Isostni li din kienet waħda mir-raġunijiet għala r-rikorrenti ma rċivietx il-*grant* tal-Malta Enterprise flimkien mal-fatt illi r-rikorrenti proċediet biex tneħħi s-sistema' kollha minn fuq il-bejt qabel 5 snin minn meta ġiet approvata lilha l-*grant* u ġiet installata s-sistema, anke kontra l-parir tal-Inġinier Johan Alosio. Jipreċiża li s-sistema'

nqalgħet 7 xhur wara l-maltempata kif jirriżulta mill-*job sheet* preżentata minn Keith Farrugia tal-kumpanija Wurth. Iżid li anqas hu ma kien notifikat illi r-rikorrenti neħħiet is-sistema' minn fuq il-bejt. Jispjega li bejnu u bejn Maik Metz kienu għaddejjin diskussjonijiet sabiex l-intimata tagħti stima għall-*mounting structure* tal-ħadid galvanizzat bi ħlas u qatt ma kien hemm diskussjonijiet li l-istruttura trid tinbidel a spejjeż tal-intimata. Jispjega li l-kuntratt mar-rikorrenti ġie ffirmat fit-3 t'Awwissu 2011.

**Ikkunsidrat;**

**Eċċezzjonijiet ta' nullita' tar-rikors ġuramentat ai termini tal-artikolu 789 (1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u nuqqas ta' identifikazzjoni tal-azzjoni li fuqha hija msejsa l-kawża odjerna:**

Illi s-sitt eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta hi msejsa dwar is-siwi fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tirrigwarda fuq kollox il-forma tal-att tar-rikors ġuramentat. Illi l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullità ta' atti ġudizzjarji jistgħu jingħataw huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-erba' (4) ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullita` ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda mill-imsemmija ċirkostanzi. Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn Qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu

jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi[19]. F'dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel referenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f'att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12.

Mhux kull nuqqas iwassal għan-nullita` tal-att ġudizzjarju. Jekk minkejja li jkun hemm ksur tal-forma li trid il-liġi dan il-ksur ma jkunx ġab lill-parti mħarrka ħsara li ma tissewwiex jekk mhux bit-tħassir tal-att, allura l-eċċezzjoni tan-nullita` ma tintlaqax.[20]

Din il-Qorti tinnota li l-liġi ma timponi l-ebda ħtieġa li r-rikorrenti tindika taħt liema artikolu qed tissustanza l-azzjoni tagħha u fejn il-liġi ma titkellimx, il-Qorti m'għandhiex timponi xi formaliżmu hi: *ubi lex voluit, dixit.* Fil-każ tal-proċedura ordinarja tar-Rikors Ġuramentat, il-liġi titlob biss li jitfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża (Art. 156(1)(a) Kap 12) u r-raġuni ġuridika tat-talba, iżda mbagħad sta għall-Qorti biex tistabbilixxi n-norma applikabbli. Filwaqt li l-attur jista's jispeċifika n-norma li fuqha jkun qiegħed iserraħ it-talba tiegħu, mhux obbligat jagħmel dan għaliex il-liġi trid tevita l-formaliżmu proċedurali żejjed li kien hemm fi żminijiet anterjuri. Għalhekk l-aforiżma: *da mihi factum, dabo tibi ius.*[21]

Illi kif sewwa ssottomettiet is-socjeta' rikorrenti, l-kawża odjerna hija msejsa fuq allegata ksur ta' garanzija mogħtija permezz ta' kuntratt ffirmat bejn il-partijiet u klawżoli fl-istess kuntratt li jipprovdu ghar-riżoluzzjoni tal-kuntratt f'kaz li jseħħu certu kundizzjonijiet. Jekk tali pretensjonijiet jirnexxewx jew le hija kwistjoni ta' mertu bejn il-partijiet u mhux ta' eċċezjoni preliminari. Il-Qorti tqis għalhekk li t-talba kif dedotta da parti

---

[19] App. Ċiv. **28.1.1998** fil-kawża fl-ismijiet Busuttil et vs Baldacchino (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.30**)
[20] P.A. GCD **18.4.1997** fil-kawża fl-ismijiet *Aqua Logic Ltd. vs Miriam Ellis* (Mhix pubblikata); u ara wkoll P.A. **21.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Camilleri* (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.30**)
[21] Sentenza Preliminari, **Mary Lourdes Bonello vs Anthony Micallef**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta ' Lulju, 2020.

tar-rikorrenti hija ċara u ma taqax fit-termini msemmija mill-intimata fil-ħames u s-sitt eccezzjonijiet tagħha w'għalhekk ser tgħaddi sabiex tiċħad dawn l-eċċezzjonijiet.

**Termini preskrittivi**

Is-soċjeta intimata tikkontendi permez tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet taghha illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta u dan fit-termini tal- (i) artikolu 1407 (1), (ii) artikolu 1431 (1), (iii) artikolu 1407 (1) u l- (iv) artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar il-preskrizzjoni li tolqot allegat ksur ta' obbligazzjoni, l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza **Improved Design Ltd vs Gialanze**, deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 ta' Mejju, 2005, li fiha ġie osservat is-segwenti:

> *"Illi ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tlett ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mill-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk msejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili); u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames (5) snin. Kieku l-obbligazzjoni tkun imfissra f'att pubbliku, jidher li l-preskrizzjoni tkun dik ta' tletin (30) sena, u dan ghaliex iz-zmien preskrittiv dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali huwa dak relattiv ghall-obbligazzjoni nfisha;*

*Illi l-fattur li jsejjes il-htija akwiljana (jew dik li titnissel barra r-rabta kuntrattwali) huwa dak li l-persuna hija obbligata li, f'ghemilha, ma tikkawzax hsara jew dannu lil haddiehor taht il-principju tan-neminem laedere. Min-naha l-ohra, il-htija mnissla mir-rabta kuntrattwali tissejjes fuq l-obbligazzjoni li l-parti fil-kuntratt ghandha d-dmir li twettaq dak li ghalih intrabtet mal-parti kontraenti l-ohra. Fil-fatt, jista' jaghti l-kaz li ghalkemm fatt wiehed jista' jaghti lok kemm ghal azzjoni ta' danni akwiljani, u kif ukoll (jekk ikun il-kaz) ghad-danni kuntrattwali, il-qies ta' liema zmien preskrittiv ghandu japplika jittiehed mil-bazi rejali ta' t-talba attrici;*

*Illi huwa maghruf ukoll li mhux kull hsara li tiggarrab waqt jew minhabba l-mod kif ikun twettaq kuntratt twassal ghall-htija kuntrattwali. Jista' jkun li nuqqas jaghti lok xorta wahda ghall-htija akwiljana, minkejja li jkun sehh waqt u bis-sahha ta' rabta kuntrattwali. Ghalhekk, biex hsara mgarrba waqt it-twettiq ta' kuntratt titqies li hija akwiljana u mhux kuntrattwali, jehtieg jintwera li tali hsara ma jkollha x'taqsam xejn mar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn ilpartijiet;*

*Illi ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbahha. Illi fil-kaz ta' azzjoni ta' danni mibnija fuq allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligi kuntrattwali, iz-zmien preskrittiv applikabbli m'huwiex dak mahsub fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili".*

Illi huwa prinċipju stabbilit illi jeżistu tliet xorta ta` danni : (i) dawk li jirriżultaw minn delitt veru u proprju; (ii) dawk marbuta

ma` ħtija akwiljana, u (iii) dawk riżultat ta 'inadempjenza kontrattwali.[22]

Fil-każ in kwistjoni jeżisti kuntratt bejn ir-rikorrenti u l-intimata li ġie ffirmat fit-3 t'Awwissu 2011 u għalhekk tissusisti rabta kuntrattwali obbligatorja anteċendenti għall-att jew ommissjoni li jagħti lok għad-dannu li l-attriċi tallega li ġie kawżat lilha. Biex ħsara mġarrba waqt it-twettiq ta''kuntratt titqies li hija akwiljana u mhux kuntrattwali, jeħtieġ jintwera li tali ħsara ma jkollha x'taqsam xejn mar-relazzjoni kuntrattwali eżistenti bejn il-partijiet.[23] Illi mill-provi mressqa huwa ċar li hemm *nexus* bejn ix-xogħol li sar fuq il-bejt tar-rikorrenti mill-intimata u l-ħsara li ssostni li sofriet ir-rikorrenti. Jirriżulta ghalhekk li fil-kaz odjern, anki in vista li ġew ġia miċħuda il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tal-intimata li l-artikolu 1431 (1) tal-Kap. 16 ma japplikax għall-każ odjern, wisq anqas japplika l-artikolu 2153 tal-istess Kodici Civili. Fir-rigward tal-artikolu 1407 (1), stante li jirriżulta li l-kuntratt bejn il-partijiet jipprovdi għall-perjodu ta' garanzija ta' ghaxar (10) snin fuq il-prodott u ħames (5) snin (fol. 13) fuq l'hekk imsejjah 'workmanship' allura jirriżulta li dan il-ftehim jiprevali fuq l-artikolu 1407 (1) b'dana li wkoll mhux appikabbli. Il-Qorti ser tgħaddi għalhekk sabiex tiċħad mill-ewwel sar-raba' eccezzjoni mqajjma mill-intimata relatati mal-preskrizzjoni.

**Ir-responsabbiltà o meno tal-intimata għall-ħsarat illi allegatament ġarrbet is-soċjeta' rikorrenti:**

Illi din il-Qorti wkoll tirrileva li l-kwistjoni jekk verament jeħtiġux permessi ta' żvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-installazzjoni ta' sistemi ta' pannelli fotovoltajiċi bħal dik mertu tal-kawża

[22] App. Ċiv. 27.4.1953 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Micallef noe vs Carmelo Cassar*** (Kollez. Vol: XXXVII.i.140)
[23] App.Kumm. 19.2.1954 fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil vs Schembri*** (Kollez. Vol: XXXVIII.i.292)

minkejja li hija kwistjoni pertinenti li kieku l-awtorizżazzjoni *o meno* kienet qed tiġi kontestata, hija waħda futli f'dan l-istadju.

Illi mingħajr ma l-Qorti tesprimi ruħha b'xi mod dwar in-neċessita' li jiġu ottenuti permessi appożiti mill-Awtorità tal-Ippjanar, il-Qorti tħoss li jkun intuli li wieħed jidħol f'din l-analiżi ġialadarba bil-permessi neċessarji jew mingħajrhom s-soċjetà intimata xorta waħda mexxiet biex installat is-sistemà. Il-pern tal-kwistjoni hija jekk is-sistemà installata kinitx waħda tal-kwalità pattwita, jekk id-dannu kawżat kienx tort ta' xi nuqqas tal-intimata jew jekk kienx verament każ ta' *force majeur*.

Illi jirriżulta mix-xhieda ta' **Angelo Dalli**[24] u mid-dokument A1 u A2 minnu preżentati wara l-iffirmar tal-ftehim tat-3 ta' Awwissu 2011 li s-sistema' tal-pannelli fotovoltajiċi ġiet ikkummissjonata għall-installazzjoni f'Ottubru 2011 u l-ittestjar finali sar fl-20 ta' Jannar 2012. Mill-20 ta' Jannar 2012 is-sistema kienet funzjonanti sal-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012 meta seħħew il-ħsarat u r-rikorrenti sofriet id-danni.

Is-socjeta' intimata fir-risposta ġuramentata tagħha (a fol. 103 tal-proċess) tgħid illi dawn il-ħsarat huma lil hinn mill-kontroll tagħha stante illi tali ħsarat saru minħabba maltempata b'riħ qawwi u singolari fil-potenza tiegħu u għaldaqstant, kien hemm forza maġġuri li huwa eskluż mill-effetti tal-garanzija. L-intimata ghalhekk issostni li  hi m'għandhiex tkun responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti fit-termini tal-artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġjijet ta' Malta li jipprovdi kif isegwi:

[24] a fol. 333 tal-proċess

*"Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara."*

Din il-Qorti tibda' sabiex tiċċara illi m'hemm ebda distinzjoni legali bejn il-kliem aċċident u forza maġġuri, hekk kif jgħid fost oħrajn Giorgio Giorgi.[25] Il-ġurisprudenza tagħna hija paċifika fejn issostni li l-"forza maġġuri' hija dik il-forza li għaliha huwa mpossibbli li wieħed jirreżisti, mentri l-"każ fortuwitu" huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza.[26] Ġja kien ġie stabbilit illi "il caso fortuito o la forza maggore e` l'evento non dipendente da azione o omissione volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile".[27]

Illi kif sostniet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Alfred Delia vs Segretarju Permanenti u d-Direttur Dipartiment tat-Toroq et[28]:**

> *Hekk issokta jinghad ukoll illi "biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event li ma jiddependix mill-fatt tad-debitur, event imprevedibbli u inevitabbli. Ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` jew imprevedibilita` ta' l-event ghandha tigi applikata t-teorija tad-diligenza tal-"bonus pater familias", li fin-nuqqas taghha ggib il-"colpa" tad-debitur, li allura jiznatura l-koncett tal-"forza maggiore" – **"Kurunell Hugh Philip Raymond noe -vs- Negte Manwel Busuttil pro et noe", Appell Kummercjali, 16 ta' Novembu 1942 (Kollez Vol XXXI pI p554).***

[25] Obbligazioni Vol.II, §8, p. 9

[26] ***Albert Borg Falzon pro et noe – vs- Charles Darmanin pro et noe,*** Appell Kummercjali, 7 ta' Gunju 1940 (Vol XXX pI p869)

[27] ***Pubblio Azzopardi vs Antonio Arcicovich et,*** Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919 (Vol XXIV pI p172)

[28] Appell Civili Numru. 86/1998/1, ***Alfred Delia vs Segretarju Permanenti u d-Direttur Dipartiment tat-Toroq et,*** Qorti tal-Appell,19 ta' Mejju, 2004

*Fil-precitati kazijiet kollha gie affermat il-principju illi "il concetto del caso fortuito, in quanto almeno alla irresponsabilita` che ne deriva, viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo" ("***P.L. Costantino Fenech –vs- Camillo Gatt noe et", Prim'Awla, 17 ta' Mejju 1902 (Vol XVIII pII p164****; "****Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech et", Prim'Awla, 7 ta' Gunju 1938*** *(Vol XXX pII p142).*

*Kif ahjar spjegat fil-precitata sentenza a Vol XXIV pI p172, "quando invece vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenza della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto". Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt fuq il-materja huwa konkordament ricevut illi "l-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha d-debitur" ("***Consiglia Fenech –vs- Angelo Carabott, Appell Kummercjali, 17 ta' Novembru 1941, Vol XXXI pI p467).***

*F'dan il-kaz allura din il-prova kellha ssir mill-konvenuti appellati ghax kienu huma li ssollevaw bhala difiza liberatorja l-fatt tal-forza magguri fit-tielet eccezzjoni taghhom. Prova din li fir-realta` tal-atti processwali qatt ma saret minnhom billi l-ebda xhieda jew provi ma ressqu. Issa indubitament skond ir-regoli tal-oneru tal-prova l-attur appellant kellu fl-ewwel lok u di rigore jgib dawk l-elementi ta' prova li hu kien fl-obbligu li jgib biex jipprova l-htija filkonvenuti appellati. Prova din li f'kawza civili ghad-danni kienet tirrikjedi bilanc serju ta' probabilita`, inkella l-Qorti kien ikollha taqa' fuq is-soluzzjoni tad-dubbju ragonevoli u tal-principju "actore non probante reus absolvitur".*

Illi f'dan il-każ quddiem din il-Qorti xehdu kemm l-Amministratur fl-Uffiċju Meteorolġiku **Jeffrey Custo** (a fol. 463, 748A u 765 et seq tal-proċess), kif ukoll l-Professur tal-Geoxjenza tal-Universita' ta' Malta **Raymond Mario Ellul** (a fol. 773 tal-proċess). Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti illi r-riħ fid-disgħa (9) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) kien ħafif imbagħad inbidel għal qawwi u għal qawwi ħafna u laħaq qawwa ta 'riefnu, bid-direzzjoni tar-riħ iddur mill-Majjistral għall-Grigal, imbagħad għax-Xlokk, jigifieri li taffettwa lill-kosta tal-Grigal ta' Malta. Il-Qorti hija konvinta illi għall-każ in kwistjoni l-eqreb *weather station* illi setgħet tagħti informazzjoni preċiża u bl-kundizzjonajiet attwali anke minħabba fatturi ta' prossimità, anke fir-raġġ ta' kopertura, topografija u altitudini hija dik tal-Belt Valletta. Rat illi meta mistoqsi jekk jeskludix li r-riħ laħħaq forza disgħa (9) jew għaxra (10) lejn Ta 'Xbiex, ix-xhud Jeffrey Custo huwa jsostni dan mhux probabbli, anke li kieku kien il-każ dan kien ikun reġistrat mill-*weather station* peress li ir-riħ ikun ġej bil-faċċata specjalment jekk ir-riħ ikun mix-Xlokk, il-Grigal u l-Lvant u ma jkollux ilqugħ ieħor. Di fatti r-rapport miegħu preżentat juri li l-forza tar-riħ illi ġie reġistrat mill-*weather station* tal-Belt Valletta tvarja bejn Forza 1 u Forza 7 f'ħinijiet differenti bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012.[29]

Illi l-ġurisprudenza tagħna tul is-snin iddefiniet b'mod aktar approfondit dan il-kunċett. Hekk per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Mizzi et vs Tabib Joseph M. Paris et[30]** insibu s-segwenti:

> *"Skond il-gurisprudenza tal-qrati taghna l-"forza magguri" hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibli li wiehed jirrezisti, mentri l-"kaz fortuwitu" huwa dak meta avveniment ma setax ikun*

[29] a fol. 747 tal-proċess
[30] Appell Civili Numru. 1324/1999/1, **Michael Mizzi et vs Tbib Joseph M. Paris et,** Qorti tal-Appell, deċiża 27 ta' Marzu 2009

*prevedut minn persuna ta'ordinarja diligenza. Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forzamagguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Ghalhekk skond il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili b'mod li ma jistax jigi evitat bid-dilegenza ordinarja tal-bonus pater familias. Din il-prevedibilita trid tkun ta' probabilita' ' ragionevoli u mhux ta 'possibilitajiet remotissimi u inverosimili. (Ara Vol. XXIV p.l.p. 172; Vol. p.l.p 74; Vol. XLVIII p.l.p. 258)".*

Illi f'din il-kawża ċitata fejn il-prentenzjoni kienet danni kkawżati minn għarar, id-difiża ta' forza maġġuri ma intlaqgħatx għaliex dik il-Qorti dehrilha hekk:

*"Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-incident seta' gie evitat kieku l-appellanti ghamlu x-xoghol li kien ilu jigi mitlub minnhom mir-residenti."*

Illi sentenza oħra li eżaminat dan il-kunċett kienet **Tabone Computer Centre Limited vs Joe Camilleri**[31]:

*"Madankollu, hija regola maghrufa li "perche" l'impossibilita ' della prestazione costituisca causa di esonero del debitore da responsabilita', non basta eccepire che la presentazione non possa eseguirsi pel fatto del terzo, ma occorre altresi'dimostrare la propria assenza di colpa con l'uso della diligenza spiegata per rimuovere l'ostacolo frapposto da altri all'esatto adempimento" (Cass. 22.10.1973 (Kaz. Nru. 2688). "l'impossibilita 'che estingue la obbligazione o giustifica il ritardo nell'adempimento e 'da intendere in senso assoluto ed obiettivo e consiste nella*

[31] deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta 'April, 2008, (Citazzjoni Numru. 198/2004).

*sopravvenienza di una causa non imputabile al debitore, che impedisce definitavamente o temporaneamente l'adempimento dell'obbligazione. Il che puo 'evidentemente verificarsi solo quando la presentazione abbia per oggetto la consegna di una cosa determinata o di un genere limitato e non gia 'quando di una somma di danaro*" (Cass. 15.17.1968 (Kaz. Nru. 1319)).

Għalhekk jirriżulta li skont il-prinċipji tad-dritt, biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma meħtieġ li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jiġi evitat b'diligenza ordinarja tal-*bonus paterfamilias* " –**Carmelo Micallef -vs- Brigadier John Belle McCance noe**", Prim'Awla, 7 ta 'Frar 1953 (Vol XXXVII pII p637).

Għaldaqstant fil-każ odjern il-prova tal-każ fortuwitu għandu jagħmilha l-intimat. L-intimat għandu fuq l-iskorta ta' dak fuq ribadit, jipprova mhux biss l-avveniment insolitu u sproporzjonat, iżda irid jipprova illi l-akkadut kien inevitabbli u ma setax jigi evitat bid-diligenza ta' *bonus pater familias*. Fil-każ in eżami, pero´ irriżulta mill-provi fl-atti, partikolarment mir-rapporti u x-xhieda tal-enġiniera, li l-intimata naqset milli tuża d-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias* stante illi kien ippruvat tul din il-kawża illi l-pannelli solari ma kinux inwaħħlin kif suppost kellhom ikunu sabiex ma jinqabdux bir-riħ u ma sseħħx ħsara. L-argument imressaq mill-intimata illi l-armar tat-*towercrane* viċin l-vent li kien qed jagħti support lill-istruttura li fuqha kienu mwaħla l-pannelli seta' kkontribwixxa għal qlugħ tal-istess vent u s-sostenn tal-ħsara fuq l-istruttura u l-pannelli ftit li xejn jgħati konfort lill-Qorti anke għaliex tali struttura, mingħajr support addizzjonali, ukoll kellha tiflaħ is-saħħa tar-riħ b'forza superjuri għal dak illi kienet sottoposta għalih kif rilevat mix-xhieda. Dan jixhdu wkoll l-

Inġinier Johann Alosio fejn sostna li strutturi bħal dik in kwistjoni huma dezinjati sabiex jifilħu għal riħ sa' forza 12. Iżid ukoll li l-*frame* tal-istruttura "seta' twaħħal ahjar għax kieku ma kienux jinqalgħu"[32] u dan irrispettivament mill-vent illi jekk xejn kellu jkun ta' sapport addizzjonali u għaldaqstant indipendenti mill-forza li suppost l-istruttura bħala *stand-alone* kellha tkun tiflaħ għaliha.

Inoltre´, kif jistqarr fl-affidavit tiegħu Anthony Saliba, direttur tas-soċjetà intimata, strutturi oħra tal-istess għamla għal dik installata fuq il-bejt tar-rikorrenti ġew installati mis-soċjetà intimata f'postijiet oħra u qatt ma ġie rrapurtat lilhom li kien hemm xi problemi ta' ħsarat minħabba l-maltempati jew riħ qawwi.[33] Tali xhieda turi għal darb´oħra illi l-intimata naqset milli tuża d-diliġenza ordinarja tal-*bonus paterfamilias* sabiex tassigura illi tali installazjoni tal-pannelli solari tiflaħ sa mill-inqas forza 7 tar-riħ, l-ogħla reġistrat mill-*weather station* tal-Belt Valletta bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012.[34] Skont ix-xhieda fl-atti ġie emfasiżżat li tali struttura kellha tkun anki tiflaħ forza ta' riħ aktar minn dak ta' forza 7. Għalhekk jidher li *in effetti* mhux minnu li l-panelli kif installati kienu jifilħu dawn l-irjħat jew li twaħħlu kif suppost għaliex kieku kien hekk ma kienux itiru u jikkawżaw il-ħsara li saret.

Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimata ma tistax tistrieħ fuq id-difiża tal-forza maġġuri f´dan il-każ in eżami. Dan mhux kaz ta '*res ipsa loquitur* li l-effett tagħha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u toħloq bħal speċi ta 'presunzjoni ta" '*prima facie*" li t-tort huwa ta' wieħed u mhux tal-ieħor għaliex ġie ppruvat li d-danni ġew kagunati meta taru l-panelli għaliex ma kinux marbuta

[32] a fol. tal-proċess
[33] a fol. 1575b tal-proċess
[34] a fol. 747 tal-proċess

sew.  Li kieku kienu marbuta kif suppost skont is-sengħa u l-arti ma kienux jinqalgħu kif sostnew bosta esperti fix-xhieda taghhom fl-atti odjerni.

**<u>Danni sofferti:</u>**

Il-Qorti għalhekk f'dan l-istadju trid tiddetermina il-limiti tar-responsabbilta´ tal-intimata għall-ħsarat illi soffriet ir-rikorrent. Illi ma hemmx kontestazzjoni illi kienu għaxra l-pannelli li nqalgħu minn mal-istruttura bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012.  Kif jispjega t-*technician* mas-soċjetà intimata Michael Cini[35] fl-għodwa tal-10 ta' Marzu 2012 kien sab 6 pannelli li kienu għadhom fuq il-bejt u 2 oħra li nġabru minn propjetà ta' terzi.  Jirriżulta ukoll li meta ikkalma l-maltemp kien reġa' mar fuq il-post u ttestja s-sistema elettrika għal xi periklu li jista' jkun hemm għas-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddieħor. Jispjega ukoll li ħa ħsieb jagħlaq is-sistemà elettrika tal-pannelli mill-ġdid biex din tibqa' taħdem u tagħti enerġija fuq 65 pannella flok 75 pannella sakemm tissewwa l-ħsara li ġarrbet l-istruttura u jeħlu mill-ġdid il-pannelli li kienu nqalgħu. Madanakollu ma nġabet ebda prova oħra li sar xi forma ta' ttestjar ieħor fuq il-65 pannella rimanenti mill-intimata.

Illi **Keith Farrugia[36]**, *division leader* fis-sezzjoni tar-enerġija rinnovabbli mas-soċjeta' Wurth, li tqabdet tiżmantella s-sistema' ta' pannelli, jixhed li s-sistemà kienet iżżarmat f'Ottubru 2012 minħabba kwistjoni ta' sigurtà għaliex kien hemm xi wires imqaċċtin.  Jgħid li l-65 pannella l-oħra ma setgħux jaħdmu għaliex il-*connections* kienu maqlugħin, bil-*wires* mhux itterminati sew u bic-*circuit* iddiskonnetjat.  Jispjega ukoll li fl-2017 is-soċjetà rikorrenti reġgħet avviċinat lill-Wurth sabiex iħejju rapport fuq

[35] a fol. 1574 *et seq* tal-proċess
[36] a fol. 1258 *et seq* tal-proċess

*testing* tal-pannelli li nqalgħu fejn l-ewwel sar *visual test* biex jiġi determinat jekk kienx hemm xi difetti viżibbli bħal grif u daqqiet u wara sar *electrical test*.[37] Jispjega li meta fl-2017 testjaw il-pannelli sab li kien hemm uħud li kellhom difett viżibbli, tmienja kellhom il-*junction box* ta' wara *over heated,* bil-cables maqlubin, waqt li oħrajn kellhom difett intern taħt il-ħġieġa, b'waħda kellha l-ħġieġa mkisra. Jispjega ukoll li meta sar test ieħor sabiex jivverifikaw il-*performance curve* tal-pannella irriżulta li kien hemm waħda qed tipperformja ħafna inqas mill-oħrajn, filwaqt li l-63 pannella rimanenti kienu kollha fl-istess ilma.

Jirriżulta wkoll lill-Qorti li s-soċjeta' rikorrenti rkuprat mingħand il-kumpanija tal-assigurazzjoni u l-brokers tagħha, Elmo Insurance Ltd u Accord Insurance Brokers Ltd (dak iż-żmien KDM Insurance Brokers PCC Ltd), *ex gratia* payment ta' €5,720.34 (VAT eskluż u s-somma ta' €1,500 excess miżmuma) relattivi ghall-ħsarat fl-ghaxar pannelli u l-ħsarat fuq il-bejt filwaqt li. Joħroġ mix-xhieda li dan l-ammont ma kienx ikopri l-ħsara kollha iżda parti żgħira.

Illi l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* jitqies li hu l-fondament kardinali tal-liġi kuntrattwali. Fis-sistema ġuridika Maltija, dan il-kunċett huwa inkorporat fl-Artikolu 992 tal-Kodici Ċivili, li jgħid hekk:

> *(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta 'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*
> *(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta ' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mill-liġi.*

[37] Dok B a fol. 340 tal-proċess

Fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet **Mark Bugeja et v. Geoffrey Camilleri,** il-Qorti tal-Appell riaffermat il-prinċipju li:-

> *"i) "F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili 'Carmelo Bajada noe vs Fr. S. Cachia et noe '(A.K. deciz 16 ta 'Lulju 1973) .... Illi dan jikkonferma dak li nghad fis-sentenza 'Emanuel Cauchi et vs BCF Holdings Limited et '(P.A. (RCP) –28 ta 'Gunju 2006) fis-sens "li bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta 'tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta 'Ottubru, 1998 ' –Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines')."*

Minkejja l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* u l-implikazzjonijiet tal-applikazzjoni tiegħu f'materji kuntrattwali, il-kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom jistgħu jiġu rexissi jekk jonqos xi wieħed jew iżjed mill-elementi essenzjali meħtiega għall-validita' ta' kuntratt u ċioe', kapaċita', kunsens, oġġett u kawża leċita. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-ftehim konkluż bejn il-partijiet huwa skrittura privata datata 3 t'Awwissu 2011 huwa wieħed validu, b'obbligazzjonijiet minnu naxxenti anke f'każ ta' inadempjenza tal-partijiet mal-obbligi pattwiti fil-istess kuntratt.

Illi klawżola 3.5 tal-kuntratt patwit bejn il-partijiet tispeċifika illi:

*"Supplier shall be responsible to the Client for all the acts and omissions of its workers/personnel and/or sub-suppliers, in particular when*

*carrying out Works at the Site. Without prejudice to the above, the Supplier shall only employ or contract personnel who are appropriately qualified, skilled and experienced for the Works."*

Klawżola 3.8 imbagħad titlob illi:

*"All Products shall be supplied and installed and all the Works shall be carried out free from faults and/or defects and/or deviations from the Contract Documents. In case of any fault, damage, defect or any deviation from the quality, type, condition or any other specification mentioned in Annex 1, the Supplier shall replace the respective faulty or deviating Products and.or shall remedy the respective Works at its own expense. In case the Supplier fails to replace the Products and/or remedy the Works within reasonable time (being not more than two weeks), the Client shall have the right to do it itself or contact a third party and the Supplier shall incur all respective costs of such Client's action. This is without prejudice to any preliquidated damages for delay stipulated in clause 3.6".*

Illi l-ftehim jistabilixxi li fin-nuqqas il-fornitur għandu jissostitwixxi l-prodotti forniti jew installati li nstabu difettużi jew li jvarjaw rispettivament u/jew għandu jirrimedja x-xogħlijiet rispettivi għall-ispejjeż tiegħu stess. F'każ li l-fornitur jonqos milli jissostitwixxi l-prodotti u/jew jirrimedja x-xogħlijiet fi żmien raġonevoli (li ma jkunx itwal minn ġimagħtejn), il-klijent għandu d-dritt li jagħmel dan huwa stess jew jikkuntattja parti terza, u l-fornitur għandu jġarrab l-ispejjeż kollha rispettivi ta' tali azzjoni tal-klijent.

Illi l-Qorti tqis li r-rikorrenti rnexxilha tipprova illi kien hemm kommunikazzjoni mal-intimata sabiex isiru x-xogħlijiet

neċessarji.[38] Saħansitra r-rappreżentant tal-intimata stess fil-korrispondenza tiegħu f'Marzu tal-2013 a fol. 131 tal-proċess isemmi konsiderazzjoni ta' riduzzjoni fil-prezz u r-ritorn ta' frame li kien installat lura lil intimata, iżda jispeċifika li l-intimata mhux taċċetta responsabilità għad-danni kkawżati l-2012. Tali offerta fiha nnifisha ukoll tagħti x'tifhem illi l-kommunikazzjoni li kienet għaddejja kienet intiża sabiex tirriżolvi l-vertanza tal-akkadut fl-2012.

Madanakollu, din il-Qorti hija tal-fehma li kien jinkombi ukoll fuq is-soċjeta' rikorrenti bħala *bonus pater familias* illi tillimita d-dannu u t-telf tagħha. Din il-Qorti ma hix sodisfatta li l-unika alternattiva li kellha r-rikorrenti kienet li tbiddel is-sistema kollha inkluż il-pannelli rimanenti illi skont ix-xhieda prodotta anke minn Keith Farrugia[39] stess, kienu għadhom intatti. *Del resto* anke kif xehed **Christopher Bowtell** *General Manager* tal-Accord Insurance Brokers[40]. Ukoll ir-rikorrenti kellha biżżejjed żmien sabiex anke ai termini tal-kuntratt tagħmel ix-xogħlijiet neċessarji u ma titlifx il-*grant* u tillimita kwalsiasi telf ekonomiku. Jirriżulta mill-provi prodotti li l-ittra tar-revoka tal-*grant* intbagħet minn Malta Enterprise iktar minn sena wara l-inċident u ċioè 2 ta' Mejju 2013[41].

Illi mill-atti jirriżulta li s-soċjeta' rikorrenti qed tipretendi li hija tingħata lura s-somma sħiħa li ħallset għas-sistema in kwistjoni konsegwenza li jigi annullat u mħassar il-kuntratt tat-3 ta' Awwissu, 2011 a bazi tan-nuqqas tat-twettieq tal-obbligazzjonijiet assunti mis-soċjeta' intiamta fl-istess kuntratt. In vista tal-kunsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti tqis li tali talba hija ġustifikata stante li tort ta' nuqqasijiet u xogħol mhux skont is-

[38] Dok MG1, a fol. 119 tal-proċess.
[39] a fol. 1258 et seq tal-proċess
[40] a fol. 324 u 336 tal-proċess
[41] Dok. KH1, a fol tal-proċess

sengħa u l-arti r-rikorrenti spiċċat mhux ħallset għal sistema li għamlet biss ftit xhur taħdem, tant ukoll li anki tilfet il-*grant* li kienet intiża li tiġbor fuqha mingħand l-awtoritajiet.

Il-Qorti rat iżda li s-soċjeta' rikorrenti qed titlob ukoll il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni oltre tali somma mħallsa rappreżentanti nuqqas ta' ntrojtu mis-sistema fotovoltajika in kwistjoni. Din il-Qorti f'dan l-istadju terġa' tagħmel referenza ghall-artikolu 3.8 ffirmat bejn il-partijiet a fol. 7 tal-proċess li jipprovdi li r-rikorrenti wara żmien ġimaghtejn li l-parti l-oħra tonqos mill-obbligi tagħha, setgħet tingaġġa terzi sabiex jagħmlu x-xogħlijiet a spejjeż tal-istess intimata. Jirriżulta li dan is-soċjeta' rikorrent m'għamlitux, anzi mhux talli ma rranġatx is-sistema jew irrimpjazzata iżda qalgħet l-istess permezz ta' terzi u ħalliet kollox żarmat. Din il-Qorti tqis illi la darba s-soċjeta' rikorrenti kellha kull fakulta' li tagħmel hi x-xogħlijiet a spejjeż tal-intimata, iżda naqset milli tagħmel dan, allura f'dan ir-rigward naqset milli taġixxi bħala *bonus pater familias* sabiex kemm jista' jkun tillimita d-danni, b'dana li l-Qorti tqis li m'ghandhiex tkun is-socjeta' intimata li tbagħti għal dan in-nuqqas. Il-Qorti għalhekk ma tqisx li għandu jiġi likwidat xi ammont rappreżentanti nuqqas ta' ntrojtu mis-sistema.

Illi dwar id-danni arrekati fuq l-istruttura tal-bejt tas-socjeta' rikorrenti din il-Qorti tqis li mill-atti rriżulta li s-somma *ex gratia* mħallsa mis-soċjeta' ta' assigurazzjoni serviet biss sabiex tkopri din l-ispiża u mhux ukoll il-valur tal-għaxar pannelli li ġew danneġġati. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-ħsara fil-bejt hija somma li tmur oltre l-valur tal-kuntratt li qed jintalab li jiġi rexiss b'dana li allura s-somma rekuperata mill-assigurazzjoni m'għandhiex titnaqqas mill-ammont li ser jiġi likwidat rappreżentanti l-valur tal-ftehim oriġinali. Oltre minn hekk is-

socjeta' intimata ghandha taghmel tajjeb ghas-somma ta' Elf u Hames mitt Euro (€1,500) excess imħallas mis-soċjeta' rikorrenti lis-soċjeta' ta' assigurazzjoni.

**Deċizjoni**

Għaldaqstant, ghar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata;

2. Tiċħad l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-intimata stante li l-azzjoni ma tirriżultax preskritta;

3. Tiċħad id-disa' eċċezzjoni tas-socjeta' intimata stante li ma rriżultax li l-ħsara seħħet riżultat ta' forza magguri;

4. Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimata limitatament fir-rigward tad-danni pretizi mir-rikorrenti li jmorru oltre l-prezz miftiehem u mhallas fil-ftehim bejn il-partijiet filwaqt li tiċħadhom fil-bqija.

5. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tiddeciedi li s-soċjeta' intimata naqset milli tonora l-obbligi minnha assunti fil-kuntratt tat-tlieta (3) t'Awwissu 2011 in kwantu jirriżulta li l-prodott u l-materjal mibjugħ u kkunsenjat mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti mhux idoneju ghall-użu intiz u ma ġiex installat skont is-sengħa u l-arti u kwindi mhumiex tal-kwalita' pattwita u mhuwiex ħieles minn difetti;

6. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tannulla u tħassar l-imsemmi kuntratt tat-tlieta (3) t'Awwissu 2011 a bażi tan-nuqqas tat-twettieq tal-obbligazzjonijiet assunti mis-soċjeta' intimata fl-istess kuntratt;

7. Tilqa' t-tielet talba tas-soċjeta' rikorrenti u tordna lis-socjeta' intimata tieħu lura l-pannelli fotovoltajici in kwistjoni flimkien mal-materjal l-ieħor relatat u anċillari għall-istess, inkluż l-istruttura tal-aluminium u hadid u tirrifondi lis s-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' sebgħin elf, mitejn u għaxar Ewro (€70,210);

8. Tilqa' r-raba' talba tas-socjeta' rikorrenti  limitatament u tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti sofrew danni kawza tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet assunti mis-socjeta' intimata fl-istess kuntratt rappreżentanti fis-somma mħallsa mal-ftehim li din il-Qorti ġia ordnat li tiġi rifuża u d-danni rappreżentanti l-ħsara fil-bejt li iżda ġiet rifuża mis-soċjeta ta' assigurazzjoni salv għas-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) *excess* li għandha tagħmel tajjeb għalihom is-soċjeta' intimata;

9. Tilqa' l-ħames talba tas-soċjeta' rikorrenti u tillikwida d-danni hekk sofferti da parte tas-soċjeta' rikorrenti fil-valur tal-ftehim bejn il-partijiet li din il-Qorti qed tordna li jiġi rifuż lis-soċjeta' rikorrenti mis-soċjeta' i,ntimata u s-somma ulterjuri ta' elf u hames mitt Euro (€1,500);

10. Tilqa' s-sitt talba tas-soċjeta' rikorrenti u tordna lis-socjeta' intimata tħallas id-danni hekk likwidati lis-socjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1069(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-imgħax skont il-liġi fuq it-totalita' tal-ammont dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-intimata mid-data ta' din id-deċizjoni sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kollha kif mitluba kontra s-soċjeta' intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Ottubru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**31 ta' Ottubru, 2024**